32004R0794

L 140/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 30.4.2004

TAQSIMA I
TAR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 794/2004
tal-21 ta' April 2004
li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 27 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat ta' Konsulenza dwar Għajnuna ta' l-Istat

Billi:

(1) Sabiex tiġi faċilitata t-tħejjija tan-notifikazzjonijiet ta' l-għajnuna ta' l-Istat mill-Istati Membri u l-istima tagħhom mill-Kummissjoni, huwa mixtieq li tiġi stabbilita formola obbligatorja ta' notifikazzjoni. Dik il-formola għandha tkun komprensiva kemm jista' jkun.

(2) Il-formola standard ta' notifikazzjoni kif ukoll il-paġna ta' informazzjoni sommarja u l-folji ta' informazzjoni supplimentari għandhom ikopru l-linji gwida eżistenti kollha u l-kwadri fl-għajnuna ta' l-istat. Dawn għandhom ikunu suġġetti għall-modifikazzjoni jew is-sostituzzjoni skond aktar żvilupp ta' dawk it-testi.

(3) Għandha ssir disposizzjoni għal sistema simplifikata ta' notifikazzjoni għal ċerti alterazzjonijiet għall-għajnuna eżistenti. Dawk l-arranġamenti simplifikati għandhom ikunu aċċettati biss jekk il-Kummissjoni tkun ġiet regolarment informata dwar l-implimentazzjoni ta' għajnuna eżistenti konċernata.

(4) Fl-interessi taċ-ċertezza legali huwa xieraq li jingħamel ċar li żidiet żgħar sa 20 % ta' l-estimi oriġinali ta' skema ta' għajnuna, b'mod partikolari biex jingħata kont ta' l-effetti ta' l-inflazzjoni, ma jkunux meħtieġa li jiġu notifikati lill-Kummissjoni billi x'aktarx ma jeffettwawx l-istima oriġinali tal-Kummissjoni tal-kompatibilità ta' l-iskema, kemm-il darba l-kondizzjonijiet l-oħra ta' l-iskema ta' għajnuna jibqgħu mhux mibdula.

(5) L-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 jeħtieġ li l-Istati membri jibgħatu rapporti annwali lill-Kummissjoni dwar l-iskemi kollha eżistenti ta' għajnuna li fir-rigward tagħhom ma jkunu ġew imposti ebda obbligi speċifiċi ta' raportar f'deċiżjoni kondizzjonata.

(6) Biex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha għall-immonitorjar ta' l-għajnuna, hija għandha l-ħtieġa li tirċievi informazzjoni eżatta mill-Istati Membri dwar it-tipi u l-ammonti ta' għajnuna li jkunu qed jagħtu taħt l-iskemi eżistenti ta' għajnuna. Huwa possibbli li jiġu simplifikati u mtejjba l-arranġamenti għar-rapportar lill-Kummissjoni ta' l-għajnuna ta' l-Istat li huma fil-present deskritti fil-proċedura konġunta għar-rapportar u n-notifikazzjoni taħt it-Trattat KE u taħt il-Ftehim dwar l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) stipulati fl-ittra tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tat-2 ta' Awissu 1995. Il-parti ta' dik il-proċedura konġunta li tirrelata mal-obbligi ta' rapportatr ta' l-Istati Membri għan-notifikazzjonijiet ta' sussidji taħt l-Artikolu 25 tal-Ftehim WTO dwar Sussidji u miżuri ta' Kontrobilanġjar taħt l-Artikolu XVI tal-GATT 1994, adottati fil-21 ta' Lulju 1995 mhix koperta b'dan ir-Regolament.

(7) L-informazzjoni meħtieġa fir-rapporti annwali hija maħsuba li tippermetti lill-Kummissjoni li timmonitorja l-livelli ta' għajnuna kollox ma' kollox u biex tifforma opinjoni ġenerali tat-tipi differenti ta' għajnuna fuq il-kompetizzjoni. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista' wkoll titlob lill-Istati Membri li jipprovdu, fuq bażi ad hoc, data addizzjonali fuq suġġetti magħżula. L-għażla tas-suġġetti għaandha tkun diskussa bil-quddiem ma' l-Istati Membri.

(8) L-eżerċizzju tar-rapportar annwali ma jkoprix informazzjoni, li tista' tkun meħtieġa sabiex jiġi verifikat li miżuri partikolari ta' għajnuna jirrispettaw il-liġi tal-Komunità. Il-Kummissjoni għandha għalhekk iżżomm id-dritt li titlob impenn mill-Istati Membri, jew li timponi mad-deċiżjonijiet kondizzjonijiet li jeħtieġu l-provvista ta' informazzjoni addizzjonali.

(9) Għandu jiġi speċifikat li l-limiti ta' żmien għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 għandhom jiġu kalkolati skond ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill tat-3 ta' Jannar 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien [2], kif supplimentati b'regoli speċifiki stipulati f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati l-ġrajjiet, li jistabbilixxu l-punt tat-tluq għall-limiti ta' żmien applikabbli fi proċeduri ta' għajnuna ta' l-Istat. Ir-regoli preskritti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-limiti ta' żmien li kienu jeżistu qabel u għandhom jibqgħu jiddekorru wara l-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1. Regolament kif emendat bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

[2] ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1.

(10) L-għan ta' l-irkupru huwa li tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel ma' l-għajnuna kienet tingħata illegalment. Biex jiġi żgurat trattament ugwali, il-vantaġġ għandu jitkejjel oġġettivament mill-mument meta l-għajnuna ssir disponibbli għall-intrapriża benefiċjarja, indipendentement mir-riżultat ta' xi deċiżjonijiet kummerċjali magħmula minn dik l-intrapriża.

(11) Skond il-prattika finanzjarja ġenerali huwa xieraq li tiġi ffissata r-rata ta' l-imgħar ta' rkupru bħala rata perċentwali annwali.

(12) Il-volum u l-frekwenza tat-trasazzjonijiet bejn banek tirriżulta f'rata ta' mgħax li tista' titkejjel konsistentement u statistikament sinjifikanti, u għandhom għalhekk jifformaw il-bażi tar-rata ta' mgħax ta' rkupru. Ir-rata ta' skambju bejn il-banek għandha, iżda, tiġi aġġustata sabiex tirrifletti il-livelli ġenerali ta' riskju kummerċjali miżjud barra s-settur bankarju. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni dwar ir-rati ta' skambju bejn il-banek il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rata waħdiena ta' mgħax ta' rkupru għal kull Stat Membru. Fl-interess taċ-ċertezza legali u t-trattament ugwali, huwa xieraq li jiġi ffissat il-metodu preċiż li bih għandha tiġi kalkolata r-rata ta' mgħax, u li ssir disposizzjoni biex tiġi ppublikata r-rata ta' mgħax ta' rkupru applikabbli fi żmien partikolari, kif ukoll ir-rati relevanti li kienu applikabbli qabel.

(13) Għotja ta' għajnuna ta' l-Istat tista' titqies li tnaqqas il-ħtiġiet ta' finanzjament f'terminu medju ta' żmien ta' intrapriża benefiċjarja. Għal dawn l-għanijiet, u b'konformità mal-prattika finanzjarja ġenerali, it-terminu medju ta' żmien jista' jiġi definit bħala wieħed ta' ħames snin. Ir-rata ta' mgħax ta' rkupru għandha għalhekk tikkorrispondi ma' rata perċentwali annwali ffissata għal ħames snin.

(14) Minħabba l-għan li tingħata lura s-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel ma kienet ingħatat l-għajnuna illegalment u skond il-prattika finanzjarja ġenerali, ir-rata ta' mħax ta' rkupru li għandha tiġi ffissata mill-Kummissjoni għandha tiġi miftiehma kull sena. Għall-istess raġunijiet, ir-rata ta' mgħax ta' rkupru applikabbli fl-ewwel sena tal-perjodu ta' rkupru għandha tiġi applikata għall-ewwel ħames snin tal-perjodu ta' rkupru, u r-rata ta' mgħax ta' rkupru applikabbli fis-sitt sena tal-perjodu ta' rkupru għall-ħames snin li jiġu wara.

(15) Dan ir-Regolament għandu japplika għal deċiżjonijiet ta' rkupru notifikati wara d-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

SUĠĠETT U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-regolament jippreskrivi disposizzjonijiet dettaljati li jikkonċernaw il-forma, l-kontenut u detalji oħra tan-notifikazzjonijiet u r-rapporti annwali msemmija fir-Regolament (KE) Nru 659/1999. Huwa jippreskrivi wkoll id-disposizzjonijiet għall-kalkolu tal-limiti ta' żmien fil-proċeduri kollha li jikkonċernaw għajnuna ta' l-Istat u r-rata ta' mgħax għall-irkupru ta' għajnuna illegali.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għal għajnuna fis-setturi kollha.

KAPITOLU II

NOTIFIKAZZJONIJIET

Artikolu 2

Formoli ta' notifikazzjoni

Mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri li jinnotifikaw għajnuniet ta' l-istat fis-settur tal-faħam taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/871/KE [1], in-notifikazzjonijiet ta' għajnuna ġdida skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 4(2), għandhom isiru fuq il-formola ta' notifikazzjoni preskritta fit-Taqsima I ta' l-Anness I li jinsab ma' dan ir-Regolament.

L-informazzjoni supplimentari meħtieġa għall-istima tal-miżura skond ir-regolamenti, linji gwida, kwadri u testi oħra applikabbli għal għajnuna ta' l-Istat għandha tiġi provduta fuq il-paġni ta' informazzjoni supplimentari preskritti fit-Taqsima III ta' l-Anness I.

Kull meta l-linji gwida jew kwadri relevanti jiġu modifikati jew sostituti, il-Kummissjoni għandha tadatta l-formoli li jikkorrispondu u l-paġni ta' informazzjoni.

Artikolu 3

Trasmissjoni ta' notifikazzjonijiet

1. In-notifikazzjoni għandha tiġi trasmessa lill-Kummissjoni mir-Rappresentant Permanenti ta' l-Istat Membru konċernat. Din għandha tiġi ndirizzata lis-Segretarju – Ġenerali tal-Kummissjoni.

Jekk Stat membru jkollu l-ħsieb li jipprofitta ruħa minn proċedura speċifika preskritta f'xi regolamenti, linji gwida, kwadri jew testi oħra applikabbli għal għajnuna ta' l-Istat, kopja tan-notifikazzjoni għandha tiġi ndirizzata lis-Segretarju Ġenerali responsabbli. Is-Segretarju Ġenerali u d-Diretturi Ġenerali jistgħu jinnominaw punti ta' kuntatt biex jirċievu n-notifikazzjonijiet.

2. Kull korrispondenza sussegwenti għandha tiġi ndirizzata lid-Direttur Ġenerali responsabbli jew lill-punt ta' kuntatt nominat mid-Direttur Ġenerali.

3. Il-Kummissjoni għandha tindirizza l-korrispondenza tagħha lir-Rappresentant Permanenti ta' l-Istat Membru konċernat, jew lil xi indirizz ieħor nominat minn dak l-Istat Membru.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2005 in-notifikazzjonijiet għandhom jiġu trasmessi mill-Istat Membru permezz ta' karti. Kull fejn possibbli għandha wkoll tintbagħat kopja elettronika tan-notifikazzjoni.

[1] ĠU L 300, 5.11.2002, p. 42.

B'effett mill-ewwel ta' Jannar 2006 in-notifikazzjonijiet għandhom jintbagħtu elettronikament, sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor mill-Kummissjoni u l-Istat Membru li jinnotifika.

Il-korrispondenza kollha li għandha x'taqsam ma' notifikazzjoni li tkun intbgaħtet wara l-1 ta' jannar 2006 għandha tintbagħat elettronikament.

5. Id-data ta' trasmissjoni permezz tal-fax lin-numru indikat mill-parti li tirċievi għandha titqies li tkun id-data ta' trasmissjoni permezz tal-karti, jekk l-oriġinal iffirmat jasal mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara dan.

6. L-aktar tard, sat-30 ta' Settembru 2005, wara li tikkonsulta ma' l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tippublika fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea id-dettalji ta' l-arranġamenti għat-trasmissjoni elettronika tan-notifikazzjonijiet, inklużi l-indirizzi flimkien ma' kull arranġamenti meħtieġa għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzali.

Artikolu 4

Proċeduri simplifikati ta' notifikazzjoni għal ċerti alterazzjonijiet għal għajnuna eżistenti

1. Għall-għanijiet ta' l-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, alterazzjoni għal għajnuna eżistenti tfisser xi bidla, minbarra modifikazzjonijiet ta' natura purament formali jew amministrattiva li ma jistux jeffettwaw l-evalwazzjoni tal-kompatibilità tal-miżura ta' l-għajnuna mas-suq komuni. Iżda żieda fl-estimi oriġinali ta' skema eżistenti ta' għajnuna sa 20 % m'għandhiex titqies bħala alterazzjoni għall-għajnuna eżistenti.

2. L-alterazzjonijiet li ġejjin għall-għajnuna eżistenti għandhom jiġu notifikati fuq il-formola simplifikata ta' notifikazzjoni preskritta fl-Anness II:

(a) żieda fl-estimi ta' skema awtorizzata għall-għajnuna li teċċedi l-20 %;

(b) it-tiġdid ta' skema eżistenti awtorizzata sa massimu ta' sitt snin, b'żieda fl-estimi jew mingħajra;

(ċ) l-issikkar ta' ċerti kriterji għall-applikazzjoni ta' skema awtorizzata ta' għajnuna, tnaqqis fl-intensità ta' l-għajnuna jew tnaqqis fl-ispejjeż eligibbli;

Il-Kummissjoni għandha tuża l-aħjar tentattivi tagħha biex tieħu deċiżjoni dwar xi għajnuna notifikata fuq il-formola simplifikata ta' notifikazzjoni fi żmien perjodu ta' xahar.

3. Il-proċedura ta' notifikazzjoni simplifikata m'għandhiex tintuża biex jiġu notifikati alterazzjonijiet għal skemi ta' għajnuna li fir-rigward tagħhom l-Istati Membri ma jkunux bagħtu rapporti annwali skond l-Artikoli 5, 6, u 7, sakemm ir-rapporti annwali għas-snin li fihom tkun ingħatat l-għajnuna ma jintbagħtux fl-istess żmien tan-notifikazzjoni.

KAPITOLU III

RAPPORTI ANNWALI

Artikolu 5

Forma u kontenut tar-rapporti annwali

1. Mingħajr preġudizzju għat-tieni u t-tielet sub-paragrafi ta' dan l-Artikolu u għal xi kondizzjonijiet meħtieġa addizzjonali speċifiċi ta' rapportar preskritti f'deċiżjoni kondizzjonata adottata skond l-Artikolu 7(4) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, jew għall-osservanza ta' xi impenni provduti mill-Istat Membru konċernat b'konnessjoni ma' deċiżjoni biex tiġi approvata għajnuna, l-Istati Membri għandhom jikkompilaw ir-rapporti annwali dwar l-iskemi eżistenti ta' għajnuna msemmija fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 fir-rigward ta' kull sena kalendarja sħiħa jew parti minnha li matulha tapplika l-iskema skond il-format standardised ta' rapportar preskritt fl-Anness IIIA.

L-Anness IIIB jippreskrivi l-format għar-rapporti annwali dwar skemi eżistenti ta' għajnuna li jirrelataw mal-produzzjoni, pproċessar u marketing tal-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I li jinsab mat-Trattat.

L-Anness IIIĊ jippreskrivi l-format għar-rapporti annwali dwar skemi eżistenti ta' għajnuna għal għajnuna ta' l-Istat li jirrerlataw ma' produzzjoni, proċessar jew marketing ta' prodotti mis-sajd elenkati fl-Anness I li jinsab mat-Trattat.

2. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri biex jipprovdu data addizzjonali għal temi magħżula, li għandhom jiġu diskussi bil-quddiem ma' l-Istati Membri.

Artikolu 6

Trasmissjoni u pubblikazzjoni tar-rapporti annwali

1. Kull Stat Membru għandu jibgħat ir-rapporti annwali lill-Kummissjoni f'format elettroniku mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena li tiġi wara s-sena li għaliha jkun jirrelata r-rapport.

F'każi ġustifikati l-Istati Membri jistgħu jibgħatu estimi, kemm-il darba li l-figuri attwali jiġu trasmessi l-aktar tard mad-data tas-sena li tiġi wara.

2. Kull sena l-Kummissjoni għandha tippublika sinossi li jkun fih sintesi ta' l-informazzjoni li tkun tinsab fir-rapporti annwali mibgħuta matul is-sena li tiġi qabel.

Artikolu 7

Status tar-rapporti annwali

It-trasmissjoni tar-rapporti annwali m'għandhiex titqies li tikkostitwixxi konformità ma' l-obbligi li jiġu notifikati miżuri ta' għajnuna qabel ma jibdew iseħħu skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat, lanqas m'għandha dik it-trasmissjoni tippreġudika b'xi mod ir-riżultat ta' investigazzjoni ta' allegata għajnuna illegali skond il-proċedura preskritta fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 659/1999.

KAPITOLU IV

LIMITI TA' ŻMIEN

Artikolu 8

Kalkolazzjoni tal-limit ta' żmien

1. Il-limiti ta' żmien li hemm provvediment dwarhom fir-Regolament (KE) Nru 659/1999 u f'dan ir-Regolament jew iffissati mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 88 tat-Trattat għandhom jiġu kalkolati skond ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71, u r-regoli speċifiċi preskritti fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu. Fil-każ ta' konflitt, id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jipprevalu.

2. Il-limiti ta' żmien għandhom jiġu speċifikati f'xhur jew f'jiem utli.

3. Fir-rigward ta' limiti ta' żmien għal azzjoni mill-Kummissjoni, d-data li fiha tiġi riċevuta n-notifikazzjoni jew il-korrispondenza sussegwenti skond l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 3(2) ta' dan ir_regolament għandha tkun il-ġrajja relevanti għall-għan ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71.

Sal-limitu li huma konċernati notifikazzjonijiet trasmessi wara l-31 ta' Diċembru 2005, u l-korrispondenza li tirrelata dwarhom, id-data li fiha tiġi riċevuta notifikazzjoni elettronika jew komunikazzjoni fl-indirizz relevanti ppublikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea għandha tkun id-data relevanti.

4. Fir-rigward ta' limiti ta' żmien għal azzjoni mill-Istati Membri, id-data li fiha tiġi riċevuta n-notifikazzjoni relevanti jew korrispondenza mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 3(3) ta' dan ir-Regolament għandha tkun id-data relevanti għall-għanijiet ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71.

5. Fir-rigward tal-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' kummenti wara l-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni formali msemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 minn partijiet terzi u dawk l-Istati Membri li m'humiex direttament konċernati mal-proċedura, il-pubblikazzjoni ta' l-avviż tal-bidu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea għandha tkun il-ġrajja relevanti għall-għanijiet ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71.

6. Kull talba biex jiġi estiż il-limitu ta' żmien għandha tkun debitament sostanzjata u għandha tintbagħat bil-miktub fl-indirizz nominat mill-parti li tiffissa l-limitu ta' żmien ta' l-anqas jumejn utli qabel ma jiskadi.

KAPITOLU V

RATA TA' MGĦAX GĦALL-IRKUPRU TA' GĦAJNUNA LLEGALI

Artikolu 9

Metodu għall-iffissar tar-rata ta' mgħax

1. Sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'xi deċiżjoni speċifika ir-rata ta' mgħax li għandha tintuża għall-irkupru ta' għajnuna ta' l-Istat mogħtija bi ksur ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat għandha tkun rata perċentwali annwali ffissata għal kull sena kalendarja.

Din għandha tiġi kalkolata fuq il-bażi tal-medja tar-rati għal ħames snin ta' skambju bejn banek għal Settembru, Ottubru u Novembru tas-sena li tiġi qabel, miżjuda b'75 punt bażiku. F'każijiet debitament ġustifikati, l-Kummissjoni tista' żżid ir-rata b'aktar minn 75 punt bażiku fir-rigward ta' Stat Membru wieħed jew aktar.

2. Jekk il-medja tat-tlett xhur l-aktar reċenti tar-rati disponibbli għal ħames snin ta' skambju bejn banek, miżjuda b'75 punt bażiku, tvarja b'aktar minn 15 % mir-rata fis-seħħ ta' mgħax ta' rkupru ta' għajnuna ta' l-Istat, il-Kummissjoni għandha tikkalkola mill-ġdid din imsemmija l-aħħar.

Ir-rata l-ġdida għandha tapplika mill-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara l-kalkolu mill-ġdid mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati membri permezz ta' ittra bil-kalkolu mill-ġdid u d-data li minnha għandu japplika.

3. Ir-rata ta' mgħax għandha tiġi ffissata għal kull Stat Membru individwalment, jew għal żewġ Stati Membri jew aktar flimkien.

4. Fin-nuqqas ta' data ta' min jorbot fuqha jew ekwivalenti jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali l-Kummissjoni tista', b'ko-operazzjoni mill-qrib ma' l-Istat/iMembri/i konċernat/i, tiffissa rata ta' mgħax għall-irkupru ta' għajnuna ta' l-Istat, għal Stat Membru wieħed jew aktar, fuq il-bażi ta' metodu differenti u fuq il-bażi ta' informazzjoni disponibbli lilha.

Artikolu 10

Pubblikazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tippublika r-rati ta' mgħax ta' rkupru kurrenti relevanti u storiċi fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u għall-informazzjoni fuq l-Internet.

Artikolu 11

Metodu għall-applikazzjoni tal-imgħax

1. Ir-rata ta' mgħax li għandha tiġi applikata għandha tkun ir-rata ta' mgħax applikabbli fid-data li fiha l-għajnuna illegali kienet tqegħdet l-ewwel darba għad-disposizzjoni tal-benefiċjarju.

2. Ir-rata ta' mgħax għandha tiġi applikata fuq bażi kompost sad-data ta' rkupru ta' l-għajnuna. L-imgħax li jkiġġamma fis-sena li tiġi qabel għandu jkun suġġett għall-mgħax f'kull sena li tiġi wara.

3. Ir-rata ta' mgħax imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi applikata matul il-perjodu kollu sad-data ta' l-irkupru. Iżda, jekk ikunu għaddew aktar minn ħames snin bejn id-data li fiha l-għajnuna illegali kienet tqegħdet għall-ewwel darba għad-disposizzjoni tal-benefiċjarju u d-data ta' l-irkupru ta' l-għajnuna, ir-rata ta' mgħax għandha tiġi kalkolata mill-ġdid f'intervalli ta' ħames snin, waqt li tittieħed bħala bażi r-rata fis-seħħ fiż-żmien tal-kalkolazzjoni mill-ġdid.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 12

Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha b'konsultazzjoni ma' l-Istati Membri, tirrevedi l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi żmien erba' snin wara d-data tal-bidu tiegħu fis-seħħ.

Artikolu 13

Bidu fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Kapitolu II għandu japplika biss għal dawk in-notifikazzjonijiet mibgħuta lill-Kummissjoni aktar minn ħames xhur wara l-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Il-Kapitolu III għandu japplika għar-rapporti annwali li jkopru għajnuna mogħtija mill-1 ta' Jannar 2003 'l quddiem.

Il-Kapitolu IV għandu japplika għal kull limitu ta' żmien, li jkun ġie ffissat iżda li jkun għadu ma skadiex fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

L-Artikoli 9 u 11 għandhom japplikaw b'relazzjoni ma' xi deċiżjoni ta' rkupru notifikata wara d-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 21 ta' April 2004.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

FORMOLA STANDARD GĦAN-NOTIFIKAZZJONI TA' GĦAJNUNIET TA' L-ISTAT SKOND L-ARTIKOLU 88 (3) TAT-TRATTAT KE U GĦALL-PROVVISTA TA' INFORMAZZJONI DWAR GĦAJNUNA ILLEGALI

Din il-formola għandha tintuża mill-Istati Membri għan-notifikazzjoni skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat dwar skemi ġodda ta' għajnuna u għajnuna individwali. Din għandha tintuża wkoll fejn miżuri t6a' nuqqas ta' għajnuna tiġi notifikata lill-Kummissjoni għal raġunijiet ta' ċertezza legali.

L-Istati Membri huma wkoll mitluba biex jużaw din il-formola fejn il-Kummissjoni titlob informazzjoni komprensiva dwar allegata għajnuna illegali.

Il-formola presenti tikkonsisti fi tlett partijiet:

I. **Informazzjoni Ġenerali: li għandha timtela fil-każ**
II. **Informazzjoni Sommarja għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali**
III. **Paġna ta' Informazzjoni Supplimentari skond it-tip ta' għajnuna**

Jekk jogħġbok innota li n-nuqqas li din il-formola timtela korrettement jista' jwassal li n-notifikazzjoni tintbagħat lura bħala mhux mimlija sew. Il-formola mimlija għandha tintbagħat fuq il-karti lill-Kummissjoni mir-Rappresentant Permanenti ta' l-Istat Membru konċernat. Din għandha tiġi ndirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni.

Jekk l-Istat Membru jkollu l-ħsieb li jagħmel użu minn proċedura speċifika preskritta f'xi regolamenti, linji gwida, kwadri jew testi oħra applikabbli għall-għajnuna ta' l-Istat, kopja tan-notifikazzjoni għandha wkoll tiġi ndirizzata lid-Direttur Ġenerali responsabbli tad-dipartiment tal-Kummissjoni.

TAQSIMA I

INFORMAZZJONI ĠENERALI

STATUS TAN-NOTIFIKAZZJONI

L-informazzjoni trasmessa fuq din il-formola tikkonċerna:

☐ **notifikazzjoni skond l-Artikolu 88 (3) tat-Trattat KE?**

☐ **għajnuna llegali possibbli** [1]**?**

Jekk iva, jekk jgħoġbok speċifika d-data li fiha bdiet ikollha effett l-għajnuna. Jekk jgħoġbok imla din il-formola, kif ukoll il-fomoli relevanti supplimentari.

☐ **(miżura ta' nuqqas ta' għajnuna li tiġi notifikata lill-Kummissjoni għal raġunijiet ta' ċertezza legali?**

jekk jgħoġbok indika r-raġunijiet għaliex l-Istat Membru li jinnotifika jqis li l-miżura ma tikkostitwixxix għajnuna ta' l-Istat skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE. jekk jgħoġbok imla l-partijiet relevanti ta' din il-formola u pprovdi d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa ta' sostenn.

Miżura ma tikkostitwixxix għajnuna ta' l-Istat jekk xi waħda mill-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE ma tiġix imħarsa. Jekk jgħoġbok ipprovdi stima sħiħa tal-miżura fid-dawl tal-kriterji li ġejjin waqt li tiffoka b'mod partikolari fuq il-kriterju li tqis li ma ġiex imħares:

— Ebda trasferiment ta' rożorsi pubbliċi (Pre eżempju, jekk tqis li l-miżura mhix imputabbli għall-Istat jew fejn tqis li għandu jkun hemm il-miżuri regolatorji mingħajr trasferiment ta' riżorsi pubbliċi)

— Ebda vantaġġ (Per eżempju, fejn jiġi rispettat il-prinċipju ta' investitur privat tas-suq)

— Ebda selettività/speċifiċità (Per eżempju, fejn il-miżura hija disponibbli għall-intrapriżi kollha, fis-setturi kollha ta' l-ekonomija, u mingħajr xi limitazzjoni territorjali u mingħajr diskrezzjoni)

— Ebda tgħawwiġ fil-kompetizzjoni/affettazzjoni ta' kummerċ intra-komunitarju (Per eżempju, fejn l-attività ma tkunx ta' natura ekonomika jew fejn l-attività ekonomika tkun purament lokali)

1. **Identifikazzjoni ta' dan li jagħti l-għajnuna**

1.1. Stat Membru konċernat

.....

1.2. Reġjun/i konċernat/i (jekk japplika)

.....

1.3. .....

Persuna responsabbli ta' kuntatt:

Isem : .....
Indirizz : .....
Telefon : .....
Fax : .....
Posta elettronika : .....

[1] Skond l-Artikolu 1 (f) li jinsab mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' marzu 1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat KE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1) (hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Proċedurali"), għajnuna illegali għandha tfisser għajnuna ġdida li tibda sseħħ bi ksur ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat KE.

1.4. Persuna responsabbli ta' kuntatt fir-Rappresentazzjoni Permanenti:

Isem : .....
Telefon : .....
Fax : .....
Posta elettronika : .....

1.5. Jekk tixtieq li kopja tal-korrispondenza uffiċjali mibgħuta mill-Kummissjoni lill-Istat membru għandha tintbagħat lil xi awtoritajiet nazzjonali oħra, jekk jgħoġbok indika hawnhekk l-isem u l-indirizz tagħhom:

Isem : .....
Indirizz : .....
.....
.....

1.6. Indika r-referenza ta' l-Istat Membru li tixtieq li tiġi inkluża fil-korrispondenza mill-Kummissjoni

2. **Identifikazzjoni ta' l-għajnuna**

2.1. Title of the aid (or name of company beneficiary in case of individual aid):

.....

2.2. Deskrizzjoni qasira ta' l-għan ta' l-għajnuna.

Jekk jgħoġbok indika l-għan primarju, u fejn japplika, l-għan/ijiet skondarju/i):

	Għan primarju (jekk jgħoġbok immarka waħda biss)	**Għan sekondarju** (1)
Żvilupp reġjonali	☐	☐
Riċerka u żvilupp	☐	☐
Protezzjoni ambjentali	☐	☐
Salvar ta' ditti f'diffikultà	☐	☐
Ristrutturar ta' ditti f'diffikultà	☐	☐
Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju	☐	☐
Impiegi	☐	☐
Taħriġ	☐	☐
Kapital ta' riskju	☐	☐
Promozzjoni ta' esportazzjoni u internazzjonalizzazzjoni	☐	☐
Servizzi ta' interess ġenerali ekonomiku	☐	☐
Żvilupp settorali (2)	☐	☐
Appoġġ soċjali f'konsumaturi individwali	☐	☐
Kumpens ta' ħsara kawżata minn diżastri naturali jew ġrajjiet eċċezzjonali	☐	☐
Eżekuzzjoni ta' proġett importanti ta' interess komuni Ewropew	☐	☐
Rimedju għal disturb serju fl-ekonomija	☐	☐
Konservazzjoni tal-wirt	☐	☐
Kultura	☐	☐

(1) Għan sekondarju huwa wieħed li għalih, b'żieda mal-għan primarju, tkun immirata l-għajnuna esklussivament. Per eżempju, skema li għaliha l-għan primarju jkun ir-riċerka u l-iżvilupp jista' jkun għan sekondarju għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jekk l-għajnuna tkun immirata esklussivament għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. L-għan sekondarju jista' wkoll ikun settorali, fil-każ per eżempju ta' riċerka u

(2) Jekk jgħoġbok speċifika s-settur fil-punti 4.2.

2.3. Skema ta' għajnuna individwali [1]

2.3.1. In-notifikazzjoni tirrelata ma' skema ta' għajnuna?

☐ iva ☐ le

— Jekk iva, l-iskema temenda xi skema eżistenti ta' għajnuna?

☐ iva ☐ le

— Jekk iva, ġew imħarsa l-kondizzjonijiet preskritti għal proċedura ta' notifikazzjoni simplifikata skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru (…) ta' (…)?

☐ iva ☐ le

— Jekk iva, jekk jgħoġbok uża u imla l-informazzjoni mitluba fil-formola ta' notifikazzjoni simplifikata (ara l-Anness II).

— Jekk le, jekk jgħoġbok kompli imla din il-formola u speċifika jekk l-iskema oriġinali li qed tiġi emendata kienitx notifikata lill-Kummissjoni.

☐ iva ☐ le

— Jekk iva, jekk jgħoġbok speċifika

Numru ta' l-għajnuna:

……

Data ta' l-approvazzjoni tal-Kummissjoni (referenza ta' l-ittra tal-Kummissjoni (SĠ(..)D/…):

…/…/ ……

Tul ta' żmien ta' l-iskema oriġinali: ……

Jekk jgħoġbod speċifika liema kondizzjonijiet qed jiġu emendati b'relazzjoni ma' l-iskema oriġinali u għaliex:

……

2.3.2. In-notifikazzjoni tirrelata ma' għajnuna individwali?

☐ iva ☐ le

— Jekk iva, jekk jgħoġbok immarka l-kaxxa adattata li ġejja

☐ għajnuna bbażata fuq skema li għandha tiġi notifikata individwalment

Referenza għall-iskema awtorizzata:

Titolu :……
Numru ta' l-għajnuna :……
Ittra ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni :……

☐ għajnuna individwali mhux ibbażata fuq skema

2.3.3. In-notifikazzjoni tirrelata ma' għajnuna individwali jew skema notifikata skond regolament ta' eżenzjoni? Jekk iva, jekk jgħoġbok immarka l-kaxxa adattata li ġejja:

☐ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għal għajnuna ta' l-Istat lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju [2] Jekk jgħoġbok użu l-paġna ta' informazzjoni supplimentari taħt Taqsima III, 1

☐ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għal għajnuna fit-taħriġ [3] Jekk jgħoġbok użu l-paġna ta' informazzjoni supplimentari taħt Taqsima III, 2

---

[1] Skond l-Artikolu 1(e) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat KE (ĠU L 83, 27.3,1999, p.1), għajnuna individwali għandha tfisser għajnuna li ma tinħatax fuq il-bażi ta' skema ta' għajnuna u għoti ta' għajnuna notifikabbli fuq il-bażi ta' skema.

[2] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuna ta' l-Istat lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, ĠU L 10, 13.1.2001, p. 33.

[3] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2001 tat-12 ta' jannar 2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għal-għajnuna ta' l-Istat għal għajnuna fit-taħriġ, ĠU L 10, 13.1.2001, p. 20.

☐ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2204/2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għal għajnuna ta' l-Istat għall-impiegi [1] Jekk jgħoġbok użu l-paġna ta' informazzjoni supplimentari taħt Taqsima III, 3.

☐ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1/2004 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għal għajnuna ta' l-Istat lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni, proċessar u marketing ta' prodotti agrikoli (ĠU L 1 tat-03.01.2004).

3. **Bażi nazzjonali legali**

3.1. Jekk jgħoġbok elenka l-bażi nazzjonali legali inklużi d-disposizzjonijiet ta' implimentazzjoni u s-sorsi rispettivi tagħhom ta' referenza:

Titolu: .....
.....
.....
.....

Referenza (fejn japplika): .....
.....
.....

3.2. Jekk jgħoġbok indika d-dokument/i mehmuż/a ma' din in-notifikazzjoni:

☐ Kopja ta' l-estratti relevanti tat-test/i finali tal-bażi legali (u web link, fejn possibbli)

☐ Kopja ta' l-estratti relevanti ta' l-abbozz tat-test/i tal-bażi legali (u web link, fejn jeżisti)

3.3. Fil-każ ta' test finali, it-test finali fih klawsola li permezz tagħha l-korp li jagħti l-għajnuna jista' jagħtiha biss wara li l-Kummissjoni tkun approvat l-għajnuna (Klawsola stand still)?

☐ iva ☐ le

4. **Benefiċjarji**

4.1. Lok tal-benefiċjarju/i

☐ f'reġjun/i mhux assistit/i

☐ f'reġjun/i eliġibbli għall-assistenza taħt l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat KE (speċifika f'livell 3 NUTS jew aktar baxx)

☐ f'reġjun/i eliġibbli għall-assistenza taħt l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat KE (speċifika f'livell 2 NUTS jew aktar baxx)

☐ imħallta: speċifika .....

4.2. Settur/i tal-benefiċjarju/i:

☐ ..... Mhux speċifiku għas-settur
☐ ..... A Agrikoltura
☐ ..... B Sajd
☐ ..... Ċ Xogħol f'Minieri jew Barrieri
☐ ..... 10.1 Faħam
☐ ..... D Industrija tal-manifattura
☐ ..... 17 Tessuti
☐ ..... 21 Polpa u karta
☐ ..... 24 Industrija tal-kimika u l-farmaċewtika
☐ ..... 24.7 Fibri magħmula mill-bniedem
☐ ..... 27.1 Azzar [1]
☐ ..... 29 Makkinarju industrijali
☐ ..... DL apparat elettriku u ottiku
☐ .....34.1 Vetturi bil-mutur
☐ ..... 35.1 Bini ta' bastimenti
☐ ..... Settur ieħor tal-manifattura, jekk jgħoġbok speċifika: .....

[1] Anness B li jinsab mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni:"Kwadru multisettorali dwar għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment", ĠU C 70, 19.3.2002. p. 8.

[1] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2204/2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE ta' għajnuna ta' l-Istat għall-impiegi ĠU L 337, 13.12.2002, p. 126.

☐ .....E ☐provvista ta' elettriku, gass u ilma
☐ .....F Kostruzzjoni
☐ .....52 Servizzi ta' bejgħ bl-imnut
☐ .....H Lukandi u ristoranti (Turiżmu)
☐ .....I Trasport
☐ ..... 60 Trasport bl-art u trasport permezz ta' pajpijiet
☐ ..... 60.1 Ferroviji
☐ .....60.2 Trasport ieħor bl-art
☐ .....61.1 Trasport bil-baħar u ibħra kostali
☐ .....61.2 Trasport intern fuq l-ilma
☐ .....62 Trasport bl-ajru
☐ .....64 Posta u telekomunikazzjonijiet
☐ .....J Intermedjazzjoni finanzjarja
☐ .....72 Attivitajiet tal-kompjuter u attivitajiet relatati
☐ ..... 92 Attivitajiet ta' rikreazzjoni, kulrutali u sportivi
☐ ..... Oħrajn, jekk jgħoġbok speċifika skond il-klassifikazzjonijiet NACE rev. 1.1 (1)
.....

(1) NACE Rev.1.1 hija l-klassifikazzjoni Statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea.

4.3 Fil-każ ta' għajnuna individwali: .....

Isem tal-benefiċjarju : .....
Tip ta' benefiċjarju : .....

☐ Intrapriża żgħira u ta' daqs medju

Numru ta' impjegati : .....
L-ammont ta' negozju annwali : .....
Karta tal-bilanċ annwali : .....
Indipendenza : .....

(jekk jgħoġbok hemeż dikjarazzjoni solenni skond ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (1) jew ipprovdi evidenza oħra biex turi il-kriteri ta' hawn fuq):
.....

☐ intrapriża kbira

☐ ditta f'diffikultajiet (2)

4.4 Fil-każ ta' skema ta' għajnuna:

Tip ta' benefiċjarji:

☐ id-ditti kollha (ditti kbar u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju)

☐ intrapriżi kbar biss

☐ intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

☐ intrapriżi ta' daqs medju

☐ intrapriżi żgħar

☐ intrapriżi żmikro

☐ il-benefiċjarji li ġejjin: .....

Numru stmat ta' benefiċjarji:

☐ taħt l-10

☐ minn 11 sa 50

☐ minn 51 sa 100

☐ minn 101 sa 500

☐ minn 501 sa 1 000

☐ ilf-q minn 1 000

(1) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' mejju 2003 li tikkonċerna t-tifsra ta' mikro, żgħar u ta' daqs medju, ĠU L125, 20.5.2003, p. 36. u Abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru ...../.. tal- ..... li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 fir-rigward ta' l-estensjoni tal-kamp ta' l-applikazzjoni tiegħu biex jinkludi għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp.

(2) Kif imfisser fil-Linji Gwida tal-Komunità biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultajiet ĦUKE C 288 tad-9.10.1999, p. 218.

5. **Ammont ta' għajnuna/nefqa annwali**

Fil-każ ta' għajnuna individwali indika l-ammont kollox ma' kollox ta' kull miżura konċernata:

……

Fil-każ ta' skema, indika l-ammont annwali ta'l-estimi ppjanati u l-ammont kollox ma' kollox (f'munita nazzjonali):

……

Għal miżuri ta' taxxa, jekk jgħoġbok indika t-telf u dħuk annwali stmati kollox ma' kollox minħabba konċessjonijiet ta' taxxa għall-perjodu kopert bin-notifikazzjoni:

……

Jekk l-estimi ma jiġux adottati annwalment, jekk jgħoġbok speċifika liema perjodu jkopru:

……

Jekk in-notifikazzjoni tikkonċerna bidliet għal skema eżistenti, jekk jgħoġbok għati l-effetti ta'l-estimi tal-bidliet notifikati fl-iskema:

……

6. **Forma ta' għajnuna u mezzi ta' finanzjament**

Speċifika l-forma ta' għajnuna magħmula disponibbli lill-benefiċjarju (fejn xieraq għal kull miżuri):

☐ Għotja diretta

☐ Self b'imgħax baxx (inklużi d-dettalji ta' kif is-self huwa garantit)

☐ Sussidju fuw l-imgħax

☐ Vantaġġ ta' taxxa (per eżempju, allokazzjonijiet ta' taxxa, tnaqqis fil-bażi tat-taxxa, tnaqqis fir-rata tat-taxxa, posponiment tat-taxxa). Jekk jgħoġbok speċifika:

……

☐ Tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali

☐ Provvediment għal kapital tar-riskju

☐ Dejn imwarrab

☐ Garanzija (inkluż fost ħwejjeġ oħra informazzjoni dwar is-self jew transazzjoni oħra finanzjarja koperta bil-garanzija, is-sigurtà meħtieġa u l-premium li għandu jitħallas)

☐ Oħrajn. Jekk jgħoġbok speċifika: ……

Għal kull strument ta' għajnuna, jekk jgħoġbok għati deskrizzjoni preċiża tar-regoli tiegħu u l-komunikazzjonijiet ta' applikazzjoni, inkluż b'mod partikolari r-rata ta' l-għoti, it-trattament tiegħu għat-taxxa u jekk l-għajnuna tingħatax awtomatikament ġialadarba jiġu mħarsa ċerti kriterji oġġettivi (jekk hekk, jekk jgħoġbok semmi l-kriterji) jew jekk hemmx element ta' diskrezzjoni mill-awtoritajiet li jagħtu l-għajnuna.

……

Speċifika l-iffinanzjar ta' l-għajnuna: jekk l-għajnuna ma tiġix finanzjata permezz ta' l-estimi ġenerali ta' l-Istat/reġjun/muniċipalità, jekk jgħoġbok spjega il-mod ta' finanzjament:

☐ Permezz ta' piżijiet Para fiskali jew taxxi li jaffettwaw benefiċjarju, li ma jkunx l-Istat. Jekk jgħoġbok ipprovdi dettalji sħaħ tal-piżijiet u l-prodotti/attivitajiet li fuqhom huma mposti. Speċifika b'mod partikolari jekk prodott importat minn Stati Membri oħra huwiex suġġett għall-piżijiet. Hemeż kopja tal-bażijiet legali għall-imposizzjoni tal-piżijiet ……

☐ Riservi akkumulati

☐ Intrapriża pubblika

☐ Oħra (jekk jgħoġbok speċifika) ……

7. **Tul ta' żmien**

7.1 Fil-każ ta' għajnuna individwali:

Indika d-data li fiha l-għajnuna jkollha effett (jekk l-għajnuna tingħata f'partijiet), indika d-data ta' kull parti)

……

Speċifika t-tul ta' żmien tal-miżura li għaliha tingħata l-għajnuna, fejn japplika

.....

7.2 fil-każ ta' skema:

Indika d-data li minnha tista' tingħata l-għajnuna:

.....

Indika l-aħħar data li fiha tista' tingħata l-għajnuna:

.....

Jekk it-tul ta' żmien jeċċedi s-sitt snin, jekk jgħoġbok uri li perjodu itwal huwa indispensabbli biex jinkisbu l-għan/ijiet ta' l-iskema:

.....

8. **Kumulazzjoni ta' tipi differenti ta' għajnuna**

L-għajnuna tista' tiġi kumulata ma' għajnuna riċevuta minn skemi oħra lokali, reġjonali, nazzjonali jew tal-Komunità biex ikopru l-istess nefqiet eliġibbli?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ddeskrivi l-mekkaniżmi fis-seħħ sabiex jiġu żgurat li r-regoli ta' kumulazzjoni jiġu rispettati:

.....

9. **Kunfidenzalità professjonali**

In-notifikazzjoni fiha informazzjoni kunfidenzali li m'għandhiex tiġi mikxufa lil partijiet terzi?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jgħoġbok indika liema partijiet huma kunfidenzali u spjega għaliex:

.....

.....

Jekk le, jekk jgħoġbok indika liema partijiet huma deċiżjoni mingħajr ma tistaqsi lill-Istat Membru.

10. **Kompatibilità ta' l-għajnuna**

Jekk jgħoġbok identifika liema mir-Regolamenti eżistenti, linji gwida u testi oħra applikabbli għal għajnuna ta'l-Istat jipprovdu bażi espliċitu legali għall-awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna (fejn xieraq, jekk jgħoġbok speċifika għal kull miżura) u imla l-paġna/i relevanti ta' informazzjoni supplimentari fit-Taqsima III

☐ Għajnuna lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

- ☐ Notifikazzjoni ta' għajnuna individwali skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 70/2001
- ☐ Notifikazzjoni għal ċertezza legali
- ☐ Għajnuna lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fis-settur ta' l-agrikoltura

☐ Għajnuna għat-taħriġ

- ☐ Notifikazzjoni ta' għajnuna individwali skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 68/2001
- ☐ Notifikazzjoni għal ċertezza legali

☐ Għajnuna għall-impjegi

- ☐ Notifikazzjoni ta' għajnuna individwali skond l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2204/2002
- ☐ Notifikazzjoni ta' skema skond l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2204/2002
- ☐ Notifikazzjoni għal ċertezza legali

☐ Għajnuna reġjonali

☐ Għajnuna li taqa' taħt il-kwadru multisettorali dwar għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment

☐ Għajnuna għal riċerka u żvilupp

☐ Għajnuna biex jiġu salvati ditti f'diffikultà

☐ Għajnuna għar-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà

☐ Għajnuna għall-produzzjoni awdjo-viżwali

☐ Għajnuna għall-protezzjoni ambjentali

☐ Għajnuna għall-kapital tar-riskju

☐ Għajnuna fis-settur agrikolu

☐ Għajnuna fis-settur tat-trasport

☐ Għajnuna għall-bini ta' bastimenti

Fejn ir-Regolamenti eżistenti, kwadri, linji gwida u testi oħra applikabbli għal għajnuna ta' l-Istat ma jipprovdux bażi espliċitu għall-approvazzjoni ta' xi waħda mill-iskemi koperti b'din il-formola, jekk jgħoġbok ipprovdi ġustifikazzjoni raġunata kollha kemm hi għaliex l-għajnuna tista' titqies kompatibbli mat-Trattat KE, b'referenza għall-applikazzjoni tal-klawsola ta' eżenzjoni tat-Trattat KE (l-Artikolu 86(2), l-Artikolu 87(2) (a) jew (b), l-Artikolu 87(3) (a), (b), (ċ) jew (d) kif ukoll disposizzjonijiet oħra speċifiċi li jirrelataw ma' Agrikoltura u trasport.

11. **Ordnijiet li għadhom ma ġewx irkuprati**

Fil-każ ta' għajnuna individwali xi benefiċjarju potenzali rċieva għajnuna ta' l-Istat li hija suġġetta għal ordni li għadha ma ġietx irjuparata mill-Kummissjoni?

☐ iva ☐ le

Jekk iva pprovdi dettalji sħaħ: .....
.....
.....
.....
.....

12. **Informazzjoni oħra**

Jekk jgħoġbok indika hawnhekk kull informazzjoni oħra li tqis relevanti għall-istima tal- mżura/i konċernata/i taħt regoli ta' għajnuna ta' l-Istat.

13. **Dokumenti mehmuża**

Jekk jgħoġbok elenka hawnhekk kull dokumenti li huma mehmuża man-notifikazzjoni u pprovdi kopji fuq il-karta jew konnessjonijiet diretti bl-internet tad-dokumenti konċernati.

14. **Dikjarazzjoni**

Jiena niddikjara li sa fejn naf jien l-informazzjoni provduta fuq din il-formola, l-annessi li jinsabu magħha u d-dokumenti mehmuża magħha hija eżatta u sħiħa.

Data u post tal-firma: .....

Firma: .....

L-isem u l-kariga tal-persuna li tiffirma: .....

TAQSIMA II

INFORMAZZJONI SOMMARJA GĦALL-PUBBLIKAZZJONI FIL-ĠURNAL UFFIĊJALI

<table>
<tr><td>Numru ta' l-għajnuna:</td><td colspan="3">(għandha timtela mill-Kummissjoni)</td></tr>
<tr><td>Stat Membru:</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>Reġjun:</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>It-titolu u l-għanijiet ta' l-iskemi ta' l-għajnuna jew l-isem tal-kumpannija benefiċjarja ta' għajnuna individwali (għajnuna bbażata fuq skema li għandha iżda tiġi notifikata individwalment u għajnuna mhux ibbażata fuq skema):</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>Bażi legali:</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td rowspan="3">Nefqa annwali ppjanata jew l-ammont sħiħ ta' għajnuna individwali mogħtija:
(F'munita nazzjonali)</td><td>Skema ta' Għajnuna</td><td>Nefqa annwali ppjanata:</td><td>Ewro... miljun</td></tr>
<tr><td></td><td>Ammont sħiħ:</td><td>Ewro... miljun</td></tr>
<tr><td>Għajnuna individwali</td><td>Ammont sħiħ ta' kull miżura:</td><td>Ewro... miljun</td></tr>
<tr><td>Tul ta' żmien:</td><td colspan="2"></td><td></td></tr>
<tr><td>L-intensità ta' l-għajnuna massima ta' l-għajnuna individwali jew ta' l-iskema ta' l-għajnuna:</td><td colspan="2"></td><td></td></tr>
<tr><td rowspan="2">Setturi ekonomiċi:</td><td colspan="2">Setturi kollha:</td><td></td></tr>
<tr><td colspan="2">— jew Limitatament għal setturi speċifiċi kif imsemmija fl-"Informazzjoni ġenerali", (Taqsima 1, par. 4.2.)</td><td></td></tr>
<tr><td>Isem u indirizz ta' l-awtorità li tipprovdi l-għajnuna</td><td colspan="3">Isem:</td></tr>
</table>

TAQSIMA III

PAĠNI TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI

Għandha timtela kif meħtieġ skond it-tip ta' għajnuna konċernata:

1. Għajnuna għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju
2. Għajnuna għat-taħriġ
3. Għajnuna għall-impiegi
4. Għajnuna reġjonali
5. Għajnuna li taqa' taħt il-kwadri multisettorali
6. Għajnuna għal riċerka u żvilupp
   a) fil-każ ta' skema
   b) fil-każ ta' għajnuna individwali
7. Għajnuna biex jiġu salvati ditti f'diffikultà
   a) fil-każ ta' skema
   b) fil-każ ta' għajnuna individwali
8. Għajnuna għar-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà
   a) fil-każ ta' skema
   b) fil-każ ta' għajnuna individwali
9. Għajnuna għall-produzzjoni awdjo-viżwali
10. Għajnuna għall-protezzjoni ambjentali
11. Għajnuna għall-kapital tar-riskju
12. Għajnuna fis-settur agrikolu
    a) Għajnuna għall-agrikoltura
       i. Għajnuna għal investiment f'azjendi agrikoli
       ii. Għajnuna għal investiment b'konnessjoni ma' l-ipproċessar u l-marketing ta' prodotti agrikoli
    b) Għajnuna agri-ambjentali
    ċ) Għajnuna ta' kumpens għal żvantaġġi f'żoni anqas favoriti
    d) Għajnuna għall-inizjar ta' bdiewa żagħżagħ
    e) Għajnuna għall-irtirar kmieni jew għat-twaqqif ta' attivitajiet tal-biedja or for the cessation of farming activities
    f) Għajnuna għall-għeluq ta' pproċessar ta' produzzjoni u kapaċita tal-marketing
    g) Aid for producer groups
    h) Għajnuna għall-kumpens ta' ħsara għal produzzjoni agrikola jew għal mezzi ta' produzzjoni agrikola
    i) Għajnuna għal tqassim mill-ġdid ta' art
    j) Għajnuna għall-produzzjoni u l-marketing ta' prodotti agrikoli ta' kwalità
    k) Għajnuna għall-provvista ta' appoġġ teknikufis-settur agrikolu
    l) Għajnuna għas-settur tat-trobbija ta' l-annimali
    m) Għajnuna għar-reġjuni l-aktar imbegħda u l-Ġżejjer Eġew
    n) għajnuna fil-forma ta' self sussidjat fuq perjodu qasir ta' żmien
    o) Għajnuna għall-promozzjoni u r-reklamar ta' prodotti agrikoli u ċerti prodotti mhux agrikoli
    p) Għajnuna biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultà
    q) Għajnuna għat-testijiet TSE; tnaqqis ta' bhejjem u fadilijiet tal-biċċeriji
13. Għajnuna fis-settur tat-trasport
    a) Għajnuna individwali għar-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà fis-settur ta' l-avjazzjoni
    b) Għajnuna għall-infrastruttura tat-trasport
    c) Għajnuna għat-trasport marittimu
    d) Għajnuna għal trasport kombinat
14. Għajnuna għal bini ta' bastimenti (għandha timtela)

TAQSIMA III.1

PAĠNA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENATRI DWAR GĦAJNUNA LIL INTRAPRIŻI ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU

Din il-paġna ta' informazzjoni supplimentari għandha tintuża għan-notifikazzjoni ta' għajnuna individwali skond l-Aetikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 70/2001 [1] fil-forma modifikata tiegħu [2] Din għandha tintuża wkoll fil-każ ta' xi għajnuna individwali jew skema, li tiġi notifikata lill-Kummissjoni għal raġunijiet ta' ċertezza legali.

1. **Tip ta' skema ta' għajnuna individwali**

L-għajnuna individwali jew l-iskema jirrelataw ma':

1.1. ☐ għajnuna għall-investiment

1.2. ☐ konsulenza u servizzi u attivitajiet oħra nkluża parteċipazzjoni f'fieri

1.3. Nefqa R&D

☐ iva:

— għan-notifikazzjonijiet ta' għajnuna R&D lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jekk jgħoġbok imla:

— paġna ta' informazzjoni supplimentari għall-R&D 6 a għal skemi ta' għajnuna

— paġna ta' informazzjoni supplimentari għall-R&D 6 a għal għajnuna individwali

2. **Għajnuna għal investiment inizjali**

2.1. L-għajnuna tkopri investiment f'kapital fiss relatat ma':

☐ t-twaqqif ta' stabbiliment ġdid

☐ l-estensjoni ta' stabbiliment eżistenti

☐ il-bidu ta' attività ġdida li tinvolvi bidliet fundamentali fil-proċess tal-prodott jew produzzjoni ta' stabbiliment eżistenti (permezz ta' razzjonalizzazzjoni, diversifikazzjoni jew modernizzazzjoni)

☐ ix-xiri ta' stabbiliment, li jkun għalaq, jew li kien jagħlaq kieku ma nxtarax?

Is-sostituzzjoni ta' kapital hija eskluża?

☐ iva ☐ le

2.2. L-għajnuna hija kalkolata fuq il-perċentwal ta':

☐ in-nefqiet eliġibbli ta' l-investiment

☐ in-nefqiet tal-pagi ta' l-impiegi maħluqa permezz ta' l-investiment (għajnuna għall-ħolqien ta' impiegi)

2.3. a) ☐ investiment f'assi tanġibbli: .....

Il-valur ta' l-investiment huwa stabbilit bħala perċentwal fuq il-bażi ta':

☐ art?

☐ bini?

☐ impjant/makkinarju (tagħmir)?

Jekk jgħoġbok ipprovdi deskrizzjoni qasira:

.....

Jekk l-impriża għanha l-attività ekonomika prinċipali tagħha fis-settur tat-trasport, il-mezzi tat-trasport u t-tagħmir tat-trasport huma esklużi min-nefqiet eliġibbli (ħlief għall-linji tal-ferrovia)?

☐ iva ☐ le

---

[1] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 tat-12 ta' jannar 2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE dwar għajnuna ta' l-Istat lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, ĠU L 10, 13.1.2001, p. 33.

[2] ĠU L 63, 28.2.2001, p. 22.

Jekk le, jekk jgħoġbok speċifika l-mezzi tat-trasport jew tagħmir li huma eliġibbli:

.....

.....

b) ☐ il-rezz tax-xiri biex jittieħed stabbiliment li kien magħluq jew li kien jagħlaq kieku ma nxtarax

ċ) ☐ investiment intanġibbli

In-nefqiet eliġibbli ta' investiment intanġibbli għandhom ikunu n-nefqiet ta' l-akkwist tat-teknoloġija:

☐ drittijiet ta' patenti

☐ liċenzi ta' operat u ta' teknika patentata

☐ teknika mhux patentata (għerf tekniku)

jekk jgħoġbok ipprovdi deskrizzjoni qasira ([1]): .....

d) ☐ spejjeż tal-pagi

L-ammont huwa espress bħala perċentwal ta' l-ispejjeż tal-pagi matul perjodu ta' sentejn li jirrelataw ma' l-impiegi maħluqa?

☐ iva ☐ le

2.4. Intensità ta' l-għajnuna

2.4.1. proġetti ta' investiment li jinsabu barra reġjuni assisstiti taħt l-Artikolu 87(3)(ċ) u taħt l-Artikolu 87(3)(a) għal:

intrapriżi ta' daqs żgħir ☐ intrapriżi ta' daqs medju ☐

2.4.2. X'inhuma l-intensitajiet ta' l-għajnuna għal proġetti ta' investiment espressi f'termini grossi?

Jekk jgħoġbok speċifika: .....

.....

Proġetti ta' investiment li jinsabu ġewwa reġjuni assistiti taħt l-Artikolu 87(3)(c) u taħt l-Artikolu 87(3)(a):

intrapriżi ta' daqs żgħir ☐ intrapriżi ta' daqs medju ☐

X'inhuma l-intensitajiet ta' l-għajnuna għal proġetti ta' investiment espressi f'termini grossi? Jekk jgħoġbok speċifika:

.....

.....

3. **Kumulazzjoni ta' l-għajnuna.**

3.1. X'inhu l-limitu massimu għal għajnuna kumulata?

Jekk jgħoġbok speċifika: .....

.....

4. **Kondizzjonijiet speċifiċi għal għajnuna għall-ħolqien ta' impiegi**

4.1. L-għajnuna tipprovdi għal garanziji li l-għajnuna għall-ħolqien ta' l-impiegi hija marbuta mat-twettieq ta' proġett inizjali ta' investiment f'assi tanġibbli jew intanġibbli?

☐ iva ☐ le

4.2. L-għajnuna tipprovdi għal garanziji li l-għajnuna għall-ħolqien ta' l-impiegi hija marbuta fi żmiuen tlett snin mit-tlestija ta' l-investiment?

☐ iva ☐ le

3.2. Skond in-numru marġinali 70 tal-linji ta' gwida tar-ristrutturar, ir-regoli speċifiċi preskritti fil-punti 73 sa 82 jistgħu alternattivament jiġu applikati (bħala alternattiv għall-punti35 sa 39). L-awtoritajiet jitolbu biex japplikaw dawn ir-regoli għall-agrikoltura?

☐ iva ☐ le

([1]) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80.
([2]) ĠU C 19,20.1.2001, p. 7.
([3]) ĠU L 337 of 30.12.1999, p. 10.

3.2.1. Jekk iva, jekk jogħġbok indika jekk waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin tistax titħares:

☐ Għal miżuri mmirati lejn xi kategorija partikolari ta' prodotti jew operaturi: It-totalità tad-deċiżjonijiet meħuda favur il-benefiċjarji kollha matul xi perjodu ta' 12-il xahar konsekuttivi li ma tinvolvix kwantità ta' prodotti li jeċċedu 3 % tal-produzzjoni totali annwali ta' dawk il-prodotti f'dak il-pajjiż;

☐ Għal miżuri oħra mhux hekk immirati: It-totalità tad-deċiżjonijiet meħuda favur il-benefiċjarji kollha matul xi perjodu ta' 12-il xahar konsekuttivi li ma tinvolvix valur ta' prodotti li jeċċedu l-1,5 % tal-valur totali annwali tal-produzzjoni agrikola f'dak il-pajjiż. Jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni statistika, u b'mod partikolari figuri dwar il-produzzjoni totali annwali u l-valur totali annwali ta' produzzjoni agrikola, li hija meħtieġa għall-istima tal-kondizzjonijiet imniżżla hawn fuq.

Skond in-numru marġinali 80 tal-linji ta' gwida ta' ristrutturar, ir-referenzi ġeografiċi jistgħu jiġu stabbiliti f'livell reġjonali. Fil-każi kollha, il-kejl ta' produzzjoni ta' pajjiż (jew reġjun) għandu jkun ibbażat fuq livelli normali ta' produzzjoni (b'mod ġenerali l-medja tat-tlett snin ji jiġu qabel), u, fir-rigward tal-kwantità jew tal-valur tal-produzzjoni tal-benefiċjarji, ikunu rappresentattivi ta' dak ta' l-intrpriżi tagħhom qabel id-deċiżjonili tingħata l-għajnuna.

3.2.2. Jekk il-miżura ma tħarisx xi waħda mill-kondizzjonijiet imsemmija fil-punt 3.2.1 jekk jogħġbok irreferi għan-numri marġinali 74 sa 76 tal-linji ta' gwida ta' ristrutturar u ddeskrivi, liema miżuri kumpensatorji għandhom jittieħdu sabiex jiġi eviytat tgħawwiġ indebitu ta' kompetizzjoni:

.....

3.3. Il-miżura tipprovdi li d-ditti li jirċievu m'għandhomx iżidu l-kapaċita tagħhom matulil-pjan ta' ristrutturar?

☐ iva ☐ le

4. **Għajnuna limitata għall-minimu meħtieġ**

Iddeskrivi kif għandu jiġi assigurat li l-għajnuna li tingħata tiġi limitata għall-minimu meħtieġ:

.....

5. **Darba waħda, L-aħħar darba**

Huwa eskluż li d-ditti li jirċievu, jirċievu għajnuna aktar minn darba matul perjodu ta' għaxar snin?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok innota li l-każi kollha fejn dan il-prinċipju ma jiġix rispettat għandhom jiġu nitifikati individwalment (fil-każ ta' skemi ta' għajnuna). Iżda, skond in-numru marġinali 83 tal-linji ta' gwida ta' ristrutturar, fir-rigward ta' għotjiet individwali ta' għajnuna u skemi ta' salvataġġ u ristrutturar li jikkonċernaw produzzjoni primarja agrikola, il-perjodu li matulu ma tistax tingħata aktar għajnuna ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali u imprevedibbli li għalihom il-kumpannija ma tkunx responsabbli huwa mnaqqas għal ħames snin.

6. **Ammont ta' għajnuna**

Jekk jogħġbok speċifika l-ammont massimu ta' għajnuna li jista' jingħata lil xi ditta waħda bħala parti minn operazzjoni ta' ristrutturar:

.....

Ipprovdi l-informazzjoni kollha relevanti dwar għajnuna ta' kull tip, li tista' tingħata lil ditti eliġibbli biex jirċievu għajnuna ta' ristrutturar.

7. **Rapport annwali**

7.1. Tintrabat li tipprovdi rapporti, ta' l-anqas fuq bażi annwali, dwar l-operazzjoni tal-miżura li jkun fihom l-informazzjoni speċifikata fl-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni dwar rapporti standardised?

☐ iva ☐ le

7.2. Tintrabat li dawk ir-rapporti jinkludu lista tad-ditti benefiċjarji b'ta' l-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-kumpannija;

(b) il-kodiċi settorali tagħha, bl-użu tal-kodiċi settorali ta' klassifikazzjoni b'żewġ figuri NACE [1];

(ċ) in-numru ta' impjegati;

(d) il-bejgħ annwali u l-valur tal-karta tal-bilanċ;

(e) l-ammont ta' għajnuna mogħti;

(f) fejn xieraq, kull għajnuna ta' ristrutturar jew sostenn ieħor itrattat bħala tali, li tkun irċeviet fil-passat;

(g) jekk il-kumpannija benefiċjarja tkunx waqfet topera jew le jew suġġetta għal proċedimenti ta' falliment kollettiv qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ristrutturar.

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok innota li l-punt 7.2 ma japplikax fil-każ ta' intraporiżi żgħar agrikoli.

Fejn ikun sar użu mid-disposizzjonijiet tal-punti 73 sa 82 tal-linji ta' gwida ta'ristrutturar,ir-rapport għandu wkoll jinkludi tagħrif li juri jew:

(a) il-kwantità (jew valur) ta' produzzjoni li jkunu effettivament ibbenefikaw mill-għajnuna ta' ristrutturar, u tagħrif dwar it-tnaqqis fil-kapaċitàmiksub skond dawn il-punti; jew

(b) lil-kondizzjonijiet għal eżenzjoni mit-tnaqqis fil-kapaċità skond il-punti 79,80 u 81 tal-linji gwida ta' ristrutturar ikun tħarsu.

TAQSIMA III.12.Q

PAĠNA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR GĦAJNUNA LI TIKKONĊERNA TESTIJIET TSE; WAQA' FIL-ĦAŻNIET U FDAL TAL-BIĊĊERIJI

Din il-formola ta' notifikazzjoni għandha tintuża għal għajnuna ta' l-Istat lejn in-nefqiet tat-testijiet TSE,tnaqqis fil-ħażniet u fdal ta' biċċeriji mogħtija lil operaturi attivi fil-ptoduzzjoni, pproċessar u marketing ta' annimali u prodotti mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' l-applikazzjoni ta' l-Anness I li jinsab mat-Trattat u sal-limitu li l-Artikolu 87, 88 u 89 ikunu ġew dikjarati applikabbli għal dawk il-prodotti.

Għall-kjarifikazzjoni ta-termini u t-tifsiriet jekk jogħġbok ara l-kapitolu II tal-linji ta' gwida tal-Komunità dwar għajnuna ta' l-Istat li tikkonċerna testijiet tat-TSE, tnaqqis fil-ħażniet u fdal tal-biċċeriji (2002/C 324/02).

1. **Testijiet tat-TSE**

1.1. Il-miżura hija parti minn programm adattat fil-livell tal-Komunità jew dak nazzjonali għall-prevenzjoni, kontroll jew eradikazzjoni tal-mard?

☐ iva ☐ le

Jekk le, jekk jogħġbok irreferi għall-punt 11.4.2 tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar għajnuna ta' l-Istat fis0settur agrikolu.

1.2. Jekk jogħġbok indika, liema huma d-disposizzjonijiet tal-Komunità jew dawn nazzjonali li jeżistu sabiex l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jkunu jistgħu jittrattaw il-mard, jew billi jorganizzaw miżura biex jeradikawh, b'mod partikolari permezz ta' miżuri li jorbtu li jagħtu lok għall-kumpens, jew inizjalment billi jistabbilixxu sistema kombinata ta' allert, fejn, xieraq, b'għajnuna biex iħajjru lil individwi li jieħdu sehem f'mezzi preventivi fuq bażi volontarju. Jekk jogħġbok hemeż kopja td-disposizzjonijiet nazzjonali konċernati:

.....

[1] Statistical classification of economic activities in the European Community, published by the Statistical Office of the European Communities.

1.3. Jekk jogħġbok irreferi għall-punt 11.4.3 tal-Linji ta' Gwida għal għajnuna ta' l-Istat fis-settur agrikolu u spjega, jekk il-miżura hix:

☐ preventiva,

☐ kumpensatorja, jew

☐ kombinazzjoni ta' dawn it-tnejn.

.....

1.4. Il-miżura hija kompatibbli maż-żewġ għanijiet u d-disposizzjoni speċifika preskritta fil-leġislazzjoni veterinarja tal-Komunità?

☐ iva ☐ le

Jekk le, jekk jogħġbok irreferi għall-punt 11.4.4 tal-Linji ta' Gwida tal-Komunità dwar għajnuna ta' l-Istat fis-settur agrikolu.

1.5. Jekk jogħġbok ipprovdi lista eżawrjenti ta' l-isjejjeż (per eżempju, n-nefqiet tal-kitt tat-test, it-teħid, trasportar, ittestjar, ħażna u distruzzjoni tal-kampju…)?

1.6. Jekk jogħġbok iddikjara l-intensità massima ta' għajnuna, espressa bħala perċentwal tan-nefqiet eliġibbli. Skond il-punt 11.4.5 tal-Linji ta' Gwida dwar għajnuna ta' l-Istat Fis-settur agrikolu, l-intensità ta' l-għajnuna għandha tkun massimu ta' 100 % tan-nefqiet magħmula. Jekk jogħġbok innota li għandhom jiġu nklużi kull ħlasijiet tal-Komunità għat-testijiet TSE.

…..…..…..…..…..… %

1.7. Il-miżura tikkonċerna ttestjar BSE obbligatorju ta' annimali bovini maqtula għall-konsum uman?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok innota li l-obbligu ta' l-ittestjar jista' jkun bbażat fuq leġislazzjoni tal-Komunità jew nazzjonali.

1.8. Jekk iva, s-sostenn totali dirett u indirett għal dawn it-testijiet jeċċedi l-40 Ewro kull test (inklużi ħlasijiet tal-Komunità)?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok irreferi għan-numru marġinali 24 tal-Linji ta' Gwida dwar TSE.

1.9. L-għajnuna titħallas lill-operatur fejn għandhom jittieħdu l-kampjuni għat-testijiet?

☐ iva ☐ le

1.10. Jekk le, l-għajnuna titħallas lill-laboratorji?

☐ iva ☐ le

Jekk le, jekk jogħġbok irreferi għan-numru marġinali 25 tal-Linji ta' Gwida dwar TSE.

1.11. Jekk iva, jekk jogħġbok spjega fid-dettal kif l-ammont sħiħ imħallas ta' għajnuna ta' l-Istat jingħadda lill-operatur fejn ikunu ttieħdu il-kapjuni għat-testijiet:

.....

Jekk jgħoġbok, innota li l-għażla tal-laboratorji għandha normalment issir skond il-prinċipji tas-suq, b'mod mhux diskriminatorju, fejn meħtieġ bl-użu ta' proċeduri ta' offerti bl-appalt li jkunu skond il-liġi tal-Komunità, u b'mod partikolari skond każistika li tuża grad suffiċjenti ta' reklamar li jippermetti lis-suq tas-servizzi jkun miftuħ għall-kompetizzjoni u l-imparzjalità tal-proċeduri ta' ksib li jiġu riveduti.

1.12. L-għażla tal-fornitur tal-kittijiet tat-test saret skond il-prinċipji tas-suq, b'mod mhux diskriminatorju, fejn meħtieġ bl-użu ta' proċeduri ta' offerti bl-appalt li jkunu skond il-liġi tal-Komunità, u b'mod partikolari skond każistika li tuża grad suffiċjenti ta' reklamar li jippermetti lis-suq tas-servizzi jkun miftuħ għall-kompetizzjoni u l-imparzjalità tal-proċeduri ta' ksib li jiġu riveduti?

☐ iva ☐ le

Jekk le, jekk jogħġbok spjega fid-dettal kif l-ammont sħiħ imħallas ta' għajnuna ta' l-Istat jingħadda lill-operatur fejn ikunu ttieħdu il-kapjuni għat-testijiet u kif tista' tiġi eskluża l-possibbiltà ta' element ta' għajnuna favur il-fornitur tal-kittijiet ta-test:

.....

2. **Bhejjem li jmutu**

2.1. Il-miżura hija marbuta ma' programm konsistenti ta' monitoraġġ u li tiżgura d-disponiment fiż-żgur tal-bhejjem kollha li jmutu fl-Istat Membru?

☐ iva ☐ le

Jekk le, jekk jogħġbok irreferi għall-punt 32 tal-linji ta' gwida dwar TSE.

2.2. L-għajnuna tingħata esklussivament lill-bdiewa?

☐ iva ☐ le

2.3. Jekk le, il-ħlas ta'l-għajnuna għandu jsir lill-operaturi attivi differenti mill-bidwi, li jipprovdu servizzi marbuta mat-tneħħija u/jew id-distruzzjoni ta' bhejjem li jmutu?

☐ iva ☐ le

Jekk le, jekk jogħġbok irreferi għall-punt 32 tal-linji ta' gwida dwar TSE.

2.4. Jekk iva, jekk jogħġbok uri kif imiss li l-ammont sħiħ ta' għajnuna ta' l-Istat imħallas, jingħadda lill-bidwi:

.....

2.5. L-għażla tal-fornitur imsemmi fil-punt 2.3 hija mħollija liberament lill-bidwi?

☐ iva ☐ le

2.6. Jekk le, il-fornitru ingħażel u ġie remunarat skond il-prinċipji tas-suq, b'mod mhux diskriminatorju, fejn meħtieġ bl-użu ta' proċeduri ta' offerti bl-appalt li jkunu skond il-liġi tal-Komunità, u f'kull każ, bl-użu ta' grad suffiċjenti ta' reklamar li jippermetti lis-suq tas-servizzi jkun miftuħ għall-kompetizzjoni u l-imparzjalità tal-proċeduri ta' ksib li jiġu riveduti?

☐ iva ☐ le

2.7. Jekk le, jekk jogħġbok uri kif imiss li jkun hemm biss fornitur wieħed possibbli minħabba n-natura jew il-bażi legali għall-provvista tas-servizz mogħti:

.....

2.8. Jekk jogħġbok iddikjara l-intensità massima ta' għajnuna, espressa bħala perċentwal tan-nefqiet eliġibbli.

.....% tan-nefqiet ta' tneħħija (ġbir u trasport)

.....% tan-nefqiet tad-distruzzjoni (ħażna, trasformazzjoni, distruzzjoni u disponiment finali)

Jekk jogħġbok innota li sal-31 ta' Diċembru 2003, tista' tingħata għajnuna ta' l-Istat ta' sa 100 % tan-nefqiet tat-tnehhija u d-distruzzjoni ta' bhejjem li jmutu, li għandhom jitneħħew, u 75 % tan-nefqiet tad-distruzzjoni ta' dawk il-karkassi. (Għall-eċċezzjonijiet ara l-punti 2.10 u 2.11).

2.9. Skond in-numri marġinali 28 u 29 tal-linji ta' gwida dwar TSE, tista' alternattivament tingħata għajnuna sa ammont ekwivalenti lejn in-nefqiet ta' premia mħallsa minn bdiewa għal assigurazzjonili tkopri n-nefqiet tat-tneħħija u d-distruzzjoni ta' bhejjem li jmutu. Il-miżura notifikata tipprovdi għal dawk il-ħlasijiet?

☐ iva ☐ le

2.10. Skond in-numru marġinali 30 tal-linji ta' gwida dwar TSE, l-Istati Membri jistgħu alternattivament jagħtu għajnuna ta' sa 100 % għan-nefqiet tat-tneħħija u d-distruzzjoni ta' karkassi fejn l-għajnuna hija finanzjata permezz ta'ħlasijiet jew permezz ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji destinati għall-iffinanzjar tad-distruzzjoni ta' dawk il-karkassi, kemm-il dwarba dawk il-ħlasijiet jew kontribuzzjonijiet ikunu limitati għal u direttament imposti fis-settur tal-laħam. Il-miżura notifikata tipprovdi għal dawk il-ħlasijiet?

☐ iva ☐ le

2.11. L-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna ta' l-Istat ta' 100 % tan-nefqiet tat-tneħħija u d-distruzzjoni, fejn ikun hemm obbligu li jitwettqu testijiet tat-TSE fuq il-bhejjem konċernati li jmutu. Jeżisti obbligu bħal dak?

☐ iva ☐ le

2.12. Il-miżura hija direttament marbuta ma' miżuri ta' konservazzjoni, per eżempju, fejn it-tmigħ ta' speċi perikolati jew protetti ta' għasafar nekrofagi tal-bhejjem li jmutu huwa permess skond ir-regoli tal-Komunità?

☐ iva ☐ le

2.13. Jekk iva, l-Istat Membru għamel id-disposizzjonijiet meħtieġa biex jiżgura li jkunu għadhom qed jintlaħqu l-għanijiet tal-konservazzjoni?

☐ iva ☐ le

Jekk le, jekk jogħġbok irreferi għan-numru marġinali 35 tal-linji ta' gwida dwar TSE.

3. **Fdal tal-biċċeriji**

Skond in-numru marġinali 38 tal-linji ta' gwida dwar TSE, il-Kummissjoni m'għandhiex tawtorizza għajnuna ta' l-Istat għan-nefqiet tad-disponiment ta' skart tal-biċċeriji prodott wara d-data ta' l-applikazzjoni ta' dawn il-linji ta' gwida (1 ta' Jannar 2003).

3.1. Eċċezzjonalment, u sabiex is-settur tal-laħam ikun jista' jintegra gradwalment in-nefqiet għola li jirriżultaw mill-introduzzjoni ta' leġislazzjoni relatata mat-TSE, il-Kummissjoni għandha tawtorizza għajnuna ta' l-Istat ta' sa 50 % tan-nefqiet magħmula għad-disponiment b'mod żgura tal-materjal speċifiku ta' riskju u laħam u fertilizzant magħmul minn laħam ta' l-annimali mfarrak li ma jkollu ebda aktar użu kummerċjali, rpodott fis-sena 2003. Jekk il-miżura notifikata tipprovdi għal dawk il-ħlasijiet, jekk jogħġbok indika:

— X'miżuri ttieħdu sabiex jiġi żgurat li l-miżura esklussivament tikkonċerna il-laħam u l-fertilizzant magħmul minn laħam ta' l-annimali mfarrak deskritti hawn fuq:

……

— X'inhuma n-nefqiet eliġibbli?

……

— X'inhi l-intensità massima ta' għajnuna, espressa bħala perċentwal tan-nefqiet eliġibbli?

……

3.2. Skond in-numru marġinali 40 tal-linji ta' gwida dwar TSE, il-Kummissjoni tista' tawtorizza għajnuna ta' l-Istat sa 100 % għad-disponiment ta' materjal speċifikat ta' riskju u laħam u fertilizzant magħmul minn laħam ta' l-annimali mfarrak li ma jkun għad baqalu ebda użu kummerċjali prodott qabel id-data ta' l-applikazzjoni ta' dawn il-linji ta' gwida. Jekk il-miżura notifikata tipprovdi għal dawk il-ħlasijiet, jekk jogħġbok ……indika

— X'miżuri ttieħdu sabiex jiġi żgurat li l-miżura ……esklussivament tikkonċerna l-laħam u l-fertilizzant magħmul minn laħam ta' l-annimali mfarrak deskritti hawn fuq.

……

— X'inhuma n-nefqiet eliġibbli?

……

— X'inhi l-intensità massima ta' għajnuna, espressa bħala perċentwal tan-nefqiet eliġibbli?

…… %

3.3. Skond in-numru marġinali 41 tal-linji ta' gwida dwar TSE, il-Kummissjoni tista' tawtorizza għajnuna ta' l-Istat sa 100 % għan-nefqiet tal-ħażna fiż-żgur u xierqa ta' materjal speċifikat ta' riskju u laħam u fertilizzant magħmul minn laħam ta' l-annimali mfarrak li jkun qed jistenna d-disponiment b'mod fiż-żgur, sa l-aħħar ta' l-2004. Jekk il-miżura notifikata tipprovdi għal dawk il-ħlasijiet, jekk jogħġbok indika:

— X'miżuri ttieħdu sabiex jiġi żgurat li l-miżura esklussivament tikkonċerna l-materjal speċifiku ta' riskju u l-laħam u l-fertilizzant magħmul minn laħam ta' l-annimali mfarrak deskritti hawn fuq:

……

— X'inhuma n-nefqiet eliġibbli?

……

— X'inhi l-intensità massima ta' għajnuna, espressa bħala perċentwal tan-nefqiet eliġibbli?

…… %

TAQSIMA LLI.13.A

PAĠNA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR RISTRUTTURAR TA' DITTI F'DIFFIKULTÀ FIS-SETTUR TA' L-AVJAZZJONI

Dan l-Anness għandu jintuża għan-notifikazzjoni ta' għajnuna individwali għall-istrutturar ta' linji ta'l-ajru koperti bil-Linji Gwida tal-Komunità dwar għajnuna ta' l-Istat biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultà [1] *u dawk ta' għajnuna ta' l-Istat għas-settur ta'l-avjazzjoni* [2].

1. **Eliġibilità**

1.1. Jekk id-ditta hija kumpannija kummerċjali, fejn aktar min-nofs il-kapital tagħha jkun sparixxa u kwart ta' dak il-kapital ikun intilef fit-12-il xahar li jiġu qabel?

☐ iva ☐ le

1.2. Jekk id-ditta tkum kumpannija illimitata, fejn aktar min-nofs il-kapital tagħha kif muri fil-kotba tal-kumpannija jkun sparixxa u aktar minn kwart ta' dak il-kapital ikun intilef matul ix-xhur li jiġu qabel?

☐ iva ☐ le

1.3. Id-ditta tħares il-kriterji taħt il-liġi domestika f'li tkun suġġetta għal proċedimenti kollettivi ta' falliment?

☐ iva ☐ le

Jekk weġibt iva għal xi waħda mid-domandi ta' hawn fuq, jekk jogħġbok hemeż id-dokumenti relevanti (l-aħħar konteġġi tal-profitt u t-telf mal-karta tal-bilanċ, jew deċiżjoni tal-qorti li tiftaħ investigazzjoni fil-kumpannija taħt il-liġi nazzjonali tal-kumpanniji)

Jekk weġibt le għad-domandi kollha ta' hawn fuq, jekk jogħġbok ibgħat evidenza ta' sostenn li d-ditta hija f'diffikultajiet u għalhekk eliġibbli għall-għajnuna ta' salvataġġ.

1.4. Meta nħolqot id-ditta? .....

1.5. Kemm ilha topera d-ditta? .....

1.6. Il-kumpannija tagħmel sehem minn grupp akbar ta' negozju?

☐ iva ☐ le

Jekk weġibt, iva, jekk jogħġbok ibgħat dettalji sħaħ dwar il-grupp (mappa ta' l-organizzazzjoni, li turi r-rabtiet bejn il-membri tal-grupp bid-dettalji dwar id-drittijiet tal-kapital u ta' l-ivvotar) u hemeż prova li d-diffikultajiet tal-kumpannija huam tagħha proprji u mhux bħala riżultat ta' allokazzjonijiet arbitrarji ta' nefqiet fi ħdan il-ġrupp u li d-diffikultajiet huma serji wisq biex jiġu ttrattati mill-grupp innifsu.

1.7. Id-ditta (jew il-grupp li tagħmel parti minnu) fil-passat irċeviet għajnuna ta' ristrutturar?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji sħaħ (data, ammont, referenza għad-deċiżjoni ta' qabel tal-Kummissjoni fejn japplika, eċċ.)

2. **Pjan ta' ristrutturar**

2.1. Jekk jogħġbok ipprovdi kopja ta' l-istħarriġ tas-suq/swieq mibgħut mid-ditta f'diffikultà, bl-isem ta' l-organizzazzjoni li għamlitu. L-istħarriġ tas-suq għandu jagħti b'mod partikolari:

2.1.1. Definizzjoni preċiża tal-prodott u s-suq/swieq ġeografiċi.

2.1.2. L-ismijiet tal-kompetituri prinċipali tal-kumpannija mal-ishma tagħhom fis-suq dinji, tal-Komunità jew domestiku, kif xieraq.

---

(1) Community Guidelines on State aid for rescuing and restructuring firms in difficulty, OJ C 288, 9.10.1999, p. 2.

(2) Linji ta' gwida tal-Komunità dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat KE u l-Artikolu 61 tal-Ftehim ŻEE dwar għajnuniet ta' l-Istat fis-settur ta' l-avjazzjoni, ĠU C 350, 10.12.1994, p. 5.

2.1.3. L-evoluzzjoni tas-sehem tas-suq tal-kumpannija fis-snin reċenti.

2.1.4. Stima tal-kapaċità totali ta' produzzjoni u t-talba fil-livell tal-Komunità, u kkonkludi jekk hemmx eċċess ta' kapaċita fuq is-suq jew le.

2.1.5. Previżjonijiet mal-Komunità kollha għax-xejriet fit-talba, kapaċita aggregata u prezzijiet tas-suq għal ħames snin bil-quddiem.

2.2. Jekk jogħġbok hemeż il-pjan ta' ristrutturar. Peress li l-għajnuna għandha tifforma parti minn programm komprensiv ta' ristrutturar, għandha ta' l-anqas tiġi inkluża l-informazzjoni li ġejja:

2.2.1. Presentazzjoni ta' l-assunzjonijiet differenti tas-suq li jirriżultaw mill-istħarriġ tas-suq.

2.2.2. Analiżi tar-raġuni/raġunijiet għalied id-ditta sabet ruħha f'diffikultà.

2.2.3. Presentazzjoni ta' strateġija proposta futura għad-ditta u kif din twassal għall-vijabilità.

2.2.4. Deskrizzjoni sħiħa u ħarsa kollox ma' kollox tal-miżuri differenti ta' ristrutturar ppjanati u n-nefqa tagħhom.

2.2.5. Orarju għall-implimentazzjoni tal-miżuri differenti u l-limitu taż-żmien finali għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar kollu kemm hu.

2.2.6. Informazzjoni dwar i-kapaċità tal-produzzjoni tal-kumpannija, b'mod partikolari dwar l-utilizzazzjoni ta' din il-kapaċità u tnaqqis fil-kapaċità, speċjalment fejn meħtieġ mir-restawr tal-vijabilità finanzjarja tad-ditta u/jew is-sitwazzjoni tas-suq.

2.2.7. Deskrizzjoni sħiħa ta' l-arranġamenti finanzjarji għar-ristrutturar, inkluż:

— L-użu tal-kapital li għadu disponibbli;

— Il-bejgħ ta' assi jew sussidjarji biex jgħinu l-finanzjament ta' l-istrutturar;

— Impenn finanzjarju mid-detenturi ta 'l-ishma differenti u partijiet terzi (bħal krediturі, banek);

— Ammont ta' assistenza pubblika u xhieda tal-ħtieġa ta' dak l-ammont.

2.2.8. Konteġġi tal-profitt u telf proġettati għal ħames snin li jkun imiss bid-dħul stmat fuq il-kapital u studju ta' sensitività bbażat fuq xenarji differenti.

2.2.9. Impenni ta' l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li ma jagħtux aktar għajnuna lid-ditta.

2.2.10. Impenn ta'l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li ma jindaħlux fl-immaniġġar tal-kumpannija ħlief għal drittijiet ta' proprjetà u li jippermettu lill-kumpannija li titmexxa skond prinċipji kummerċjali.

2.2.11. Impenni meħuda mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri sabiex jillimitaw l-għajnuna għall-għan tal-programm ta' ristrutturar u li jipprevjenu li d-ditta tikseb ishma f'ġarrara oħra ta' l-ajru matul il-perjodu ta' ristrutturar.

2.2.12. L-isem/ismijiet ta'l-awtur/i tal-pjan ta' ristrutturar u d-data li fiha tħejja.

2.3. Iddeskrivi l-miżuri kumpensatorji proposti bil-ħsieb li timmitiga l-effetti dekorattivi dwar kompetizzjoni fil-livell tal-Komunità u speċjalment l-impatt tal-kapaċità u ta' offerta ta' tnaqqis li jinsabu fil-pjan ta' ristrutturar tad-ditta fuq il-kompetituri tagħha.

2.4. Ipprovdi l-informazzjoni kollha relevanti dwar għajnuna ta' mogħtija lid-ditta li tirċievi għajnuna ta' ristrutturar, sew jekk taħt skema jew le, sakemm jiġi fi tmiemu l-perjodu ta' ristrutturar.

2.5. Ipprovdi l-informazzjoni kollha revelanti biex tiddeskrivi l-modalitajiet ta' trasparaneza u kontrol skedati għall-miżura notifikata.

TAQSIMA III.13.B

PAĠNA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR GĦAJNUNA INFRASTRUTTURALI GĦAT-TRASPORT

Din il-paġna ta' informazzjoni supplimentari għandha tintuża għan-notifikazzjoni ta' kull għajnuna individwali jew xi skema favur infrastruttura tat-trasport. Din għandha wkoll tintuża fil-każ ta' għajnuna individwali jew skema, li tiġi notifikata lill-Kummissjoni għal raġunijiet ta' ċertezza legali.

1. **Tip ta' infrastruttura**

1.1 Jekk jogħġbok speċifika t-tip ta' struttura eliġibbli taħt il-miżura.

1.2 L-infrastruttura in kwistjoni hija miftuħa u aċċessibbli għall-utenti potenzali kollha fuq termini mhux diskriminatorju jew hija dedikata għal impriża waħda partikolari jew aktar?

1.3 L-infrastruttura hija parti mid-dominju pubbliku u operata bħala tali jew hija operata/mmaniġġata minn entità separata mill-amministrazzjoni pubblika?

1.4 Jekk jogħġbok speċifika l-kondizzjonijiet li taħthom għandha tiġi operata l-infrastruttura.

1.5 L-iskema jew il-miżura individwali jirrelataw ma' infrastruttura ġdida jew estensjoni/aġġornar ta' infrastruttura eżistenti?

2. **Nefqiet eliġibbli u intensità ta' l-għajnuna**

2.1 L-iskema jew il-miżura individwali jirrelataw ma:

☐ nefqiet ta' investiment

☐ nefqiet ta' operat

☐ oħrajn (jekk jogħġbok speċifika)

2.2 X'inhuma n-nefqiet totali għall-proġett in kwistjoni u sa liema limiti l-benefiċjarju jikkontribwixxi għal dawn in-nefċiet.

2.3 B'liema mezzi ġie stabbilit l-ammont tal-għajnuna, per eżempju, proċedura ta' offerti bl-appalt, studju tas-suq, eċċ.?

2.4. Jekk jogħġbok iġġustifika l-ħtieġa ta' kontribuzzjonijiet pubbliċi u spjega kif ġie żgurat li l-parteċipazzjoni pubblika inżammet għall-minimu meħtieġ.

3. **Benefiċjarju**

3.1 B'liema mezzi ntgħażel il-benefiċjarju.

3.2 Il-benefiċjarju għandu jopera wkoll l-infrastruttura?

☐ iva ☐ le

Jekk le, jekk jogħġbok spjega kif intgħażel l-operatur.

TAQSIMA III.13.C

PAĠNA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR GĦAJNUNA GĦAT-TRASPORT MARITTIMU

Din il-paġna ta' informazzjoni għandha tintuża għan-notifikazzjoni ta' kull skema ta' għajnuna koperta bil-linji ta' gwida tal-Komunità dwar għajnuna ta' l-Istat għat-trasport marittimi [1].

1. **Tipi ta' skema**

L-iskema tikkostitwixxi jew tinkludi:

(a) ☐ Taxxa fuq it-Tunellaġġ

(b) ☐ tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet soċjali

(ċ) ☐ tnaqqis fit-taxxa tad-dħul applikabbli għall-baħħara

(d) ☐ tnaqqis fit-taxxi lokali

(e) ☐ tnaqqis fil-ħlasijiet ta' reġistrazzjoni

(f) ☐ għajnuniet għat-taħriġ

(g) ☐ għajnuniet għat-trasferiment ta' trakkijiet mit-toroq għall-qsim fuq il-baħar

(h) ☐ kuntratt ta' servizz pubbliku jew proċedura tal-għoti ta' dan

(i) ☐ għajnuniet ta' karattru soċjali?

(j) ☐ oħrajn (jekk jogħġbok iddeskrivi):

2. **Eliġibilità**

Għal (a) (b) (ċ) (d) (e) (f) (g) V

2.1. X'inhuma l-kriterji ta' eliġibilità għall-kumpanniji

2.2. X'inhuma l-kriterji ta' eliġibilità għal dgħajjes, b'mod partikolari hemm obbligu dwar il-bandiera?

2.3. Where appropriate, what are the eligibility criteria for seafarers

2.4. Iddeskrivi l-lista ta' attivitajiet eliġibbli. B'mod partikolari r-reġim jikkonċerna

☐ attivitajiet ta'laneċ rmonk? ta' ☐ attivitajiet ta' tħammil?

2.5. X'inhuma l-miżuri ta' ring-fence biex jiġi evitat li jsir tixrid fl-attivitajiet ta' l-istess kumpannija?

2.6. Għall-(h): X'inhuma l-obbligi tas-servizzi pubbliċi, il-metodu għall-kalkolazzjoni tal-kumpens, l-offerti differenti mibgħuta fl-offerta bl-appalt u r-raġunijiet għall-għażla tal-kumpannija nominata?

2.7. Għall-(i): X'inhuma r-rotot konċernati, il-popolazzjonijiet ta' l-utenti konċernati u l-kontibuzzjoanijiet mehmuża mal-għoti ta' għotjiet individwali?

3. **Intensità tal-għajnuna**

Għall-(a):

3.1. X'inhuma r-rati wżati biex jiġi kalkolat id-dħul taxxabbli kull 100 NT?

Sa 1 000 NT

Bejn 1 001 u 10 000 NT

Bejn 10 001 u 20 000 NT

Aktar minn 20 001 NT

3.2. Il-kumpanniji huma obbligati li jistabbilixxu konteġġi separati meta joperaw atiivitajiet kemm eliġibbli u mhux eliġibbli?

[1] Linji gwida tal-Komunità dwar għajnuna ta' l-Istat għat-trasport marittimi, ĠU C 205, 5.7.1997, p. 5.

3.3. Kif għandhom jigu ttrattati gruppi ta' kumpanniji u transazzjonijiet bejn il-gruppi?

Għall-(b)(ċ)(d)(e):

3.4. X'inhi l-intensità ta' l-għajnuna f'termini ta' perċentwal tal-kontribuzzjonijiet soċjali/fiskali jew tat-taxxa jew ħlasijiet li l-baħħar jew il-proprjetarju tal-bastiment għandhom normalment ikunu suġġetti għalihom? … %

3.5. Jew sa liema livell f'termini assoluti dwan il-kontribuzzjonijiet, ħlasijiet jew taxxa ġew limitati?

3.6. Għall-(f): X'inhi l-intensità ta' l-għajnuna f'termini tan-nefqa tat-taħriġ jew is-salarju ta' dak li jkun qed jitħarreġ?

3.7. Għal (g): X'inhu l-ammont ta' għajnuna għal kull tunellata metrika/kilometru trasferit?

3.8. Għall-(i): X'inhu l-ammont ta' għotjiet individwali?

TAQSIMA III.13.D

PAĠNA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR GĦAJNUNA GĦAL TRASPORT KOMBINAT

Din il-paġna ta' informazzjoni supplimentari għandha tintuża għan-notifikazzjoni ta' kull għajnuna individwali jew xi skema għal finijiet ta' trasport kombinat. Din għandha wkoll tintuża fil-każ ta' għajnuna individwali jew skema, li tiġi notifikata lill-Kummissjoni għal raġunijiet ta' ċertezza legali.

1. **Tip ta' skema jew miżura**

L-iskema jew il-miżura individwali jirrelataw ma': Akkwist ta' tagħmir ta' trasport kombinat:

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok għati deskrizzjoni ta' l-assi eliġibbli:

……

……

Kostruzzjoni ta' infrastruttura relatata ma' trasport kombinat:

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok għati deskrizzjoni tal-miżura:

……

……

Għoti ta' sussidji li ma jithallsux lura biex jitnaqqsu n-nefqiet ta' aċċess għall servizzi ta' tarsport kombinat:

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi studju li jiġġustifika dik il-miżura: ……

Oħrajn:

……

……

……

……

2. **Nefqiet eliġibbli**

Il-kontenituri marittimi (ISO 1) huma eliġibbli taħt l-iskema?

☐ iva ☐ le

Vaguni u magni tal-ferroviji huma eliġibbli taħt l-iskema?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika l-benefiċjarji:

.....

.....

L-oġġetti eliġibbli għandhom jintużaw esklussivament għal oprazzjonijiet ta' trasport kombinat?

☐ iva ☐ le

Nefqiet oħra eliġibbli taħt għajnuna individwali jew skema:

.....

3. **Intensità ta' l-għajnuna**

L-intensità ta' l-għajnuna għal tagħmir ta' trasport kombinat hija għola minn 30 % tan-nefqiet eliġibbli?

☐ iva ☐ le

L-intensità ta' l-għajnuna għall-infrastruttura ta' trasport kombinat hija għola minn 50 % tan-nefqiet eliġibbli?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi xhieda dokumentarja biex tiġġustifikha:

.....

.....

Għal sussidji biex jitnaqqsu n-nefqiet ta' aċċess għas-servizzi ta' trasport kombinat, jekk jogħġbok ipprovdi studju li jiġġustifika l-intensità ta' l-għajnuna ppjanata.

ANNESS II

FORMOLA SIMPLIFIKATA TA' NOTIFIKAZZJONI

Din il-formola tista tintuża għan-notifikazzjoni simplifikata skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Nru… li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 [1].

1. **Skema ta' għajnuna approvata minn qabel** [2]

1.1. Numru ta' għajnuna allokat mill-Kummissjoni:

1.2. Titolu:

1.3. Data ta' approvazzjoni (b'referenza għall-ittra tal-Kummissjoni SG(..)D/…):

1.4. Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea:

1.5. Għan primarju (jekk jogħġbok speċifika wieħed):

1.6. Bażi legali:

1.7. Wstimi kollha:

1.8. Tul ta' żmien:

2. **Strument suġġett għan-notifikazzjoni**

☐ estimi ġodda)jekk jogħġbok speċifika l-estimi kollha kif ukoll dawk annwali fil-munita rispettiva nazzjonali):

☐ tul ta' żmien ġdid (jekk jogħġbok speċifika d-data tal-bidu li minnha l-għajnuna tista' tingħata u l-aħħar data li fiha tista'tingħata l-għajnuna):

☐ issikkar ta' kriterji (jekk jogħġbok indika jekk l-emenda tikkonċernax tnaqqis ta' l-intensità ta' l-għajnuna jew l-ispejjeż eliġibbli u speċifika d-dettalji):

Jekk jogħġbok hemeż kopja (jew web link) ta' l-estratti relevanti tat-test/i finali tal-bażi legali.

---

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat KE ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

[2] Jekk l-iskema tkun ġiet notifikata lill-Kummissjoni f'aktar minn okkazzjoni waħda, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar l-aħħar notifikazzjoni shiha li tkun ġiet approvata mill-Kummissjoni.

ANNESS III A

FORMAT STANDARDISED TA' RAPPORTAĠĠ GĦAL GĦAJNUNA EŻISTENTI TA' L-iSTAT

(Dan il-format ikopri s-setturi kollha ħlief l-agrikoltura)

Bil-ħsieb li tiġi simplifikata, organizzata aħjar u mtejjba is-sistema kollox ma' kollox ta' rapportaġġ għal għajnuna ta' l-Istat, il-Proċedura eżistenti Standardised ta' Rapportaġġ għandha tiġi sostitwita b'eżerċizzju annwali ta' rapportaġġ. Il-Kummissjoni għandha tibgħat spreadsheet, ifformattjata min qabel, li jkun fiha informazzjoni dettaljata dwar l-iskemi eżistenti ta' għajnuna u ta' għajnuna individwali, lill-Istati Membri sa l-1 ta' Marzu ta' kull sena. L-Istati Membri għandhom jibgħatu lura l-isoreadsheet f'format elettroniku lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju tas-sena in kwistjoni. Dan għandu jippermeti lill-Kummissjoni li tippublika id- data dwar għajnuna ta' l-Istat fis-sena t għall-perjodu ta' rapportaġġ t-1 ([1]).

Il-parti l-kbira ta' l-informazzjoni fl-ispreadsheet ifformattjata minn qabel għandha timtela minn qabel mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-data provduta fiż-żmien ta' l-approvazzjoni ta' l-għajnuna. L-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa li jivverifikaw u, fejn meħtieġ, jimmodifikaw id-dettalji għal kull skema jew għajnuna individwali, u li jżidu l-ispiża annwali għas-sena l-aktar reċenti (t-1). B'żieda, l-Istati Membri għandhom jindikaw liema skemi skadew jew li dwarhomikunu waqfu l-ħlasijiet kollha u jekk l-iskema hijiex ko-finanzjata jew le minn Fondi tal-Komunità.

Informazzjoni bħal l-għan ta' l-għajnuna, is-settur li għalih hija mmirata l-għajnuna, eċċ., għandha tirreferi għaż-żmien li fih l-għajnuna hija approvata u mhux għall-benefiċjarji finali ta' l-għajnuna. Per eżempju, l-għan primarju ta' skema li, fiż-żmien li kienet approvata l-għajnuna, hija esklussivament maħsuba għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għandha tkun għajnuna għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Iżda, skema oħra li għaliha l-għajnuna kollha hija ultimament mogħtija lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju m'għandhiex titqies bħala tali jekk, fiż-żmien ti tiġi approvata l-għajnuna, l-iskema tkun miftuħa għall-intrapriżi kollha.

Il-parametri li ġejjin għandhom ikunu nklużi fl-ispreadsheet. Parametri 1-3 u 6-12 għandhom jimtlew minn qabel mill-Kummissjoni u verifikati mill-Istati Membri. Il-parmetri 4, 5, u 13 għandhom jimtlew mill-Istati Membri.

1. Titolu

2. Numru ta' l-għajnuna

3. In-numru ta' l-għajnuna kollha ta' qabel (per eżempju, wara t-tiġdid ta' skema)

4. Data meta tiskadi

   L-Istati Membri għandhom jindikaw dawk l-iskemi li jkunu skadew jew li dwarhom ikunu waqfu l-ħlasijiet kollha.

5. Ko-finanzjament

   Għalkemm l-iffinanzjar innifsu mill-Komunità huwa eskluż, l-għajnuna totali ta' l-Istat għal kull Stat Membru għandha tinkludi miżuri ta' għajnuna li huma ko-finanzjati minn iffinanzjar tal-Komunità. Sabiex jiġi identifikat liema skemi huma ko-finanzjati u jiġi stmat kemm minn dik l-għajnuna tirrappresenta b'relazzjoni ma' l-għajnuna kollha ta' l-Istat, l-Istati Membri huma meħtieġa li jindikaw jekk l-iskema hijiex ko-finanzjata jew le, u jekk iva il-perċentwal ta' għajnuna li hija ko-finanzjata. Jekk dan ma jkunx possibbli, għandha tiġi provduta stima ta' l-ammont totali ta' għajnuna li hija ko-finanzjata.

6. Settur

   Il-klassifikazzjoni settorali għandha tiġi bbażata fil-parti l-kbira tagħha fuq in-NACE ([2]) fil-livell ta' tlett figuri.

7. Għan primarju

8. Għan sekondarju

   Għan sekondarju huwa wieħed li għalih, b'żieda ma' l-għan primarju, l-għajnuna (jew parti distinta tagħha) kienet esklussivament maħsuba fiż-żmien li kienet approvata l-għajnuna. Per eżempju, skema li għaliha l-għan primarju huwa r-riċerka u l-iżvilupp jista' jkollu bħala għan sekondarju intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jekk l-għajnuna hija maħsuba esklussivament għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Skema oħra li għaliha l-għan primarju huwa intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jista' jkollha bħala għanijiet sekondarji t-taħriġ u l-impiegi jekk, fiż-żmien li kienet approvata l-għajnuna l-għajnuna hija maħsuba għal x% għat-taħriġ u y% għall-impiegi.

([1]) t hija s-sena li fiha titalab id-*data*.

([2]) NACE Rev.1.1 hija l-klassifikazzjoni Statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea.

9. Reġjun/i

L-Għajnuna tista', fiż-żmien ta'l-approvazzjoni, tkun esklussivament maħsuba għal reġjun speċifiku jew grupp ta' reġjuni. Fejn xieraq, għandha ssir distinzjoni bejn l-Artikolu 87(3)a reġjuni y l-Artikolu 87(3)ċ reġjuni. Jekk l-għajnuna hija maħsuba għal reġjun wieħed partikolari, din għandha tiġi speċifikata fin-NUTS [1] livell II.

10. Kategorija ta' strument/i ta' għajnuna

Għandha ssir distinzjoni bejn sitt katergoriji (Għotja, Tnaqqis fit-tyaxxa/eżenzjoni, Parteċipazzjoni ta'ekwità, Self b'mgħax baxx, Posponiment tat-taxxa, Garanzija).

11. Deskrizzjoni ta' l-istrument ta' għajnuna fil-lingwa nazzjonali

12. Tip ta' għajnuna

Għandha ssir distinzjoni bejn tlett kategoriji: Skema, Applikazzjoni individwali ta' skema, Għajnuna individwali mogħtija barra skema (għajnuna ad hoc).

13. Spiża

Bħala regola ġenerali, l-figuri għanhom jiġu espressi f'termini ta' spiża attwali (jew dħul attwali mitluf fil-każ ta' spiża ta' taxxa). Fejn ħlasijiet ma jkunux disponibbli, kommessi jew approprjazzjonijiet ta ' l-estimi għandhom jiġu provduti u hekk immarkati. Għandhom jiġu provduti figuri separati għal kull strument ta' għajnuna fi ħdan skema jew għajnuna individwali (per eżempju, għotja, self b'mgħax baxx, eċċ.). Il-figuri għandhom jiġu espressi fil-munita nazzjonali li tkun tapplika fiż-żmien tal-perjodu ta' rapportaġġ. Għandu jsir provvediment għan-nefqa t-1, t-2, t-3, t-4, t-5.

---

[1] NUTS hija n-nomenklatura ta' unitajiet territorjali għal għanijiet ta' statistika fil-Komunità.

ANNESS III B

FORMAT STANDARDISED TA' RAPPORTAĠ ĠGĦAL GĦAJNUNA EŻISTENTI TA' L-ISTATD

(Dan il-format ikopri s-settur agrikolu)

Bil-ħsieb li tiġi simplifikata, organizzata aħjar u mtejjba is-sistema kollox ma' kollox ta' rapportaġġ għal għajnuna ta' l-Istat, il-Proċedura eżistenti Standardised ta' Rapportaġġ għandha tiġi sostitwita b'eżerċizzju annwali ta' rapportaġġ. Il-Kummissjoni għandha tibgħat spreadsheet, ifformattjata min qabel, li jkun fiha informazzjoni dettaljata dwar l-iskemi eżistenti ta' għajnuna u ta' għajnuna individwali, lill-Istati Membri sa l-1 ta' Marzu ta' kull sena. L-Istati Membri għandhom jibgħatu lura l-isoreadsheet f'format elettroniku lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju tas-sena in kwistjoni. Dan għandu jippermeti lill-Kummissjoni li tippublika id- data dwar għajnuna ta' l-Istat fis-sena t għall-perjodu ta' rapportaġġ t-1 ([1]).

Il-parti l-kbira ta' l-informazzjoni fl-ispreadsheet ifformattjata minn qabel għandha timtela minn qabel mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-data provduta fiż-żmien ta' l-approvazzjoni ta' l-għajnuna. L-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa li jivverifikaw u, fejn meħtieġ, jimmodifikaw id-dettalji għal kull skema jew għajnuna individwali, u li jżidu l-ispiża annwali għas-sena l-aktar reċenti (t-1). B'żieda, l-Istati Membri għandhom jindikaw liema skemi skadew jew li dwarhomikunu waqfu l-ħlasijiet kollha u jekk l-iskema hijiex ko-finanzjata jew le minn Fondi tal-Komunità.

Informazzjoni bħal l-għan ta' l-għajnuna, is-settur li għalih hija mmirata l-għajnuna, eċċ., għandha tirreferi għaż-żmien li fih l-għajnuna hija approvata u mhux għall-benefiċjarji finali ta' l-għajnuna. Per eżempju, l-għan primarju ta' skema li, fiż-żmien li kienet approvata l-għajnuna, hija esklussivament maħsuba għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għandha tkun għajnuna għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Iżda, skema oħra li għaliha l-għajnuna kollha hija ultimament mogħtija lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju m'għandhiex titqies bħala tali jekk, fiż-żmien ti tiġi approvata l-għajnuna, l-iskema tkun miftuħa għall-intrapriżi kollha.

Il-parametri li ġejjin għandhom ikunu nklużi fl-ispreadsheet. Parametri 1-3 u 6-12 għandhom jimtlew minn qabel mill-Kummissjoni u verifikati mill-Istati Membri. Il-parmetri 4, 5, 13 u 14 għandhom jimtlew mill-Istati Membri.

1. Titolu

2. Numru ta' l-għajnuna

3. In-numru ta' l-għajnuna kollha ta' qabel (per eżempju, wara t-tiġdid ta' skema)

4. Data meta tiskadi

   L-Istati Membri għandhom jindikaw dawk l-iskemi li jkunu skadew jew li dwarhom ikunu waqfu l-ħlasijiet kollha.

5. Ko-finanzjament

   Għalkemm l-iffinanzjar innifsu mill-Komunità huwa eskluż, l-għajnuna totali ta' l-Istat għal kull Stat Membru għandha tinkludi miżuri ta' għajnuna li huma ko-finanzjati minn iffinanzjar tal-Komunità. Sabiex jiġi identifikat liema skemi huma ko-finanzjati u jiġi stmat kemm minn dik l-għajnuna tirrappresenta b'relazzjoni ma' l-għajnuna kollha ta' l-Istat, l-Istati Membri huma meħtieġa li jindikaw jekk l-iskema hijiex ko-finanzjata jew le, u jekk iva il-perċentwal ta' għajnuna li hija ko-finanzjata. Jekk dan ma jkunx possibbli, għandha tiġi provduta stima ta' l-ammont totali ta' għajnuna li hija ko-finanzjata.

6. Settur

   Il-klassifikazzjoni settorali għandha tiġi bbażata fil-parti l-bkira tagħhafuq in-NACE ([2]) (fil-livell ta' tlett figuri).

7. Għan primarju

8. Għan sekondarju

   Għan sekondarju huwa wieħed li għalih, b'żieda ma' l-għan primarju, l-għajnuna (jew parti distinta tagħha) kienet esklussivament maħsuba fiż-żmien li kienet approvata l-għajnuna. Per eżempju, skema li għaliha l-għan primarju huwa r-riċerka u l-iżvilupp jista' jkollu bħala għan sekondarju intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jekk l-għajnuna hija maħsuba esklussivament għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Skema oħra li għaliha l-għan primarju huwa intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jista' jkollha bħala għanijiet sekondarji t-taħriġ u l-impiegi jekk, fiż-żmien li kienet approvata l-għajnuna l-għajnuna hija maħsuba għal x% għat-taħriġ u y% għall-impiegi.

([1]) t hija s-sena li fiha tintalab id-*data*.

([2]) NACE Rev.1.1 hija l-klassifikazzjoni Statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea.

9. Reġjun/i

L-għajnuna tista', fiż-żmien ta' l-approvazzjoni, tkun maħsuba esklussivament għal reġjun jew grupp ta' reġjuni. Fejn Xieraq, għandha ssir distinzjoni bejn reġjuni ta' l-Għan 1 u żoni anqas favoriti.

10. Kategorija ta' strument/i ta' għajnuna

Għandha ssir distinzjoni bejn sitt katergoriji (Għotja, Tnaqqis fit-tyaxxa/eżenzjoni, Parteċipazzjoni ta'ekwità, Self b'mgħax baxx, Posponiment tat-taxxa, Garanzija).

11. Deskrizzjoni ta' l-istrument ta' għajnuna fil-lingwa nazzjonali

12. Tip ta' għajnuna

Għandha ssir distinzjoni bejn tlett kategoriji: Skema, Applikazzjoni individwali ta' skema, Għajnuna individwali mogħtija barra skema (għajnuna ad hoc).

13. Spiża

Bħala regola ġenerali, l-figuri għanhom jiġu espressi f'termini ta' spiża attwali (jew dħul attwali mitluf fil-każ ta' spiża ta' taxxa). Fejn ħlasijiet ma jkunux disponibbli, kommessi jew approprjazzjonijiet ta ' l-estimi għandhom jiġu provduti u hekk immarkati. Għandhom jiġu provduti figuri separati għal kull strument ta' għajnuna fi ħdan skema jew għajnuna individwali (per eżempju, għotja, self b'mgħax baxx, eċċ.). Il-figuri għandhom jiġu espressi fil-munita nazzjonali li tkun tapplika fiż-żmien tal-perjodu ta' rapportaġġ. Għandu jsir provvediment għan-nefqa t-1, t-2, t-3, t-4, t-5.

14. Intensità ta' l-għajnuna u benefiċjarji

L-Istati membri għandhom jidikaw:

— l-intensità effettiva ta' l-għajnuna tas-sostenn attwalment mogħti ta' għajnuna għal kull tip ta' għajnuna u ta' reġjun

— in-numru ta' benefiċjarji

— l-ammont medju ta' għajnuna għal kull benefiċjarju.

ANNESS III C

L-INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIDDAĦĦAL FIR-RAPPORT ANNWALI LI GĦANDU JIĠI PROVDUT LILL-KUMMISSJONI

Ir-rapporti għandhom jiġu provduti f'forma komputerizzata. Dawn għandu jkun fihom l-informazzjoni li ġejja

1. It-titolu ta' l-iskema, in-numru ta' l-għajnuna tal-Kummissjoni u referenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni

2. Spiża. Il-figuri għandhom jiġu espressi f'ewro jew, fejn japplika, fil-munita nazzjonali. Fil-każ ta' spiża tat-taxxa, it-telf annwali tat-taxxa għandu jiġi rapportat. Jekk ma jkunux disponibbli figuri preċiżi, dak it-telf jista' jiġi stmat. Għas-sena taħt reviżjoni indika separatament għal kull strument ta' għajnuna fi ħdan l-iskema (per eżempju, għotja, self b'mgħax baxx, garanzija, eċċ.):

2.1. ammonti kommessi, telf tat-taxxa u d-dħul ieħor mitluf (stmati), tagħrif dwar garanziji, eċċ., għal proġetti ġodda assistiti. Fil-każ ta' skemi ta' ġaranziji, għandu jiġi provdut l-ammont totali tal-garanziji l-ġodda mogħtija;

2.2. ħlasijiet attwali, telf tat-taxxa u d-dħul ieħor mitluf (stmati), tagħrif dwar garanziji, eċċ., għal proġetti ġodda u kurrenti. Fil-każ ta' skemi ta' ġaranziji, għandu jiġi provdut dan li ġej: l-ammont totali tal-garanziji għadhom fis-seħħ, dħul premium, irkupri, indennizzi mħallsa, ir-riżultat ta' l-operat ta' l-iskema tas-sena taħt reviżjoni;

2.3. numru ta' proġetti assistiti u/jew intrapriżi;

2.4. l-ammont stmat kollox ma' kollox ta':

— għajnuna mogħtija għall-irtirar permanenti ta' bastimenti tas-sajd minħabba t-trasferiment tagħhom lil pajjiżi terzi;

— għajnuna mogħtija għal waqfien temporanju ta' attivitajiet tas-sajd;

— għajnuna mogħtija għat-tiġdid ta' bastimenti tas-sajd;

— għajnuna mogħtija għall-immodernizzar ta' bastimenti tas-sajd;

— għajnuna mogħtija għax-xiri ta' bastimenti użati;

— għajnuna mogħtija għal miżuri soċjo-ekonomiċi;

— għajnuna mogħtija biex tagħmel tajjeb għal ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew ġrajjiet eċċezzjonali;

— għajnuna mogħtija lir-reġjuni l-aktar imbegħda;

— għajnuna mogħtija permezz ta' piżijiet parafiskali;

2.5. tqassim reġjonali ta' l-ammonti taħt il-punt 2.1 minn reġjuni definiti bħala reġjuni ta' l-Għan 1 u żoni oħra;

3. Informazzjoni oħra u kummenti.